



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 9 ta' Jannar 2008(14.01)
(OR.en)**

5136/08

**FIN 4
RECH 5
ATO 5
COMPET 5**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Is-Sur Hubert WEBER, President tal-Qorti ta' l-Awdituri
data ta' meta waslet: 21 ta' Diċembru 2007
lil: Is-Sur Luís AMADO, President tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
Suġġett: Rapport Speċjali Nru 9/2007 rigward "L-evalwazzjoni tal-programmi qafas
għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (RŻT) - jista' jittejjeb l-approċċ tal-
Kummissjoni?"

Sinjur,

Qed nehmeż kopja, f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, tar-Rapport Speċjali Nru 9/2007 rigward "L-evalwazzjoni tal-programmi qafas għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (RŻT) - jista' jittejjeb l-approċċ tal-Kummissjoni?"

Ir-Rapport Speċjali, li ser jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fi żmien qasir, ġie adottat mill-Qorti fil-laqgħa tagħha li saret fit-22 ta' Novembru 2007 u miegħu hemm ukoll it-tweġibiet mill-Kummissjoni, li ġiet mgħarrfa dwar ir-riżultati preliminari fl-20 ta' Lulju 2007.

(Formula ta' għeluq).

(firma) Hubert WEBER

Anness: Rapport Speċjali Nru 9/2007 rigward "L-evalwazzjoni tal-programmi qafas għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (RŻT) - jista' jittejjeb l-approċċ tal-Kummissjoni?".

ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR
DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET
EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF
EUROOPA KONTROLLIKODA
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ
EUROPEAN COURT OF AUDITORS
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA



CORTE DEI CONTI EUROPEA
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK
IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI
EUROPESE REKENKAMER
EUROPEJSKI TRYBUNAŁ OBRACHUNKOWY
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠČE
EUROOPAN TILINTARKASTUSTUOMIOISTUIN
EUROPEISKA REVISIONSRÄTTEN

Rapport Speċjali Nru 9/2007

(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sub-paragrafu, KE)

dwar

"L-evalwazzjoni tal-programmi qafas ta' l-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku - L-approċċ tal-Kummissjoni jista' jittejjeb?"

flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

WERREJ

	Paragrafu
Sommarju Eżekuttiv	I-V
Introduzzjoni	1-14
Ir-rwol ta' l-Unjoni Ewropea fis-sostenn ta' l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku	1-7
L-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-Programmi Qafas	8-14
L-ambitu u l-approċċ tal-verifika	15-18
Osservazzjonijiet tal-verifika	19-109
Loġika ta' l-intervenzjoni, l-iffissar ta' l-oġettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni	19-37
L-istrateġija ta' l-evalwazzjoni	38-49
L-organizzazzjoni ta' evalwazzjonijiet għall-Programmi Qafas	50-68
Metodoloġiji u tekniki ta' evalwazzjoni	69-97
Tixrid u użu tas-sejbiet ta' evalwazzjoni	98-109
Konklużjoni ġenerali	110-118
Anness 1: Kejl ta' l-impatt u tar-riżultati ta' l-intervenzjoni pubblika fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku	
Anness 2: Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni f'deċiżjonijiet leġiżlattivi għar-Raba' Programm Qafas sas-Seba' Programm Qafas	
Anness 3: Differenzi ewlenin fl-evalwazzjoni <i>ex-post</i> ta' programmi ta' riċerka bejn l-UE (FP4 - FP6), l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada	
Anness 4: Struttura possibbli tal-panel tas-Seba' Programm Qafas	
Ir-risposti tal-Kummissjoni	

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Il-programmi qafas (FPs) tal-Komunità dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku huma l-akbar għajn pubbliku ta' finanzjament tar-riċerka fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ġestjoni tal-Programmi Qafas u mill-evalwazzjoni tar-riżultati tagħhom.

II. Il-verifika kopriet l-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fis-seħħ sa mill-1995 għall-aħħar tliet perijodi ta' programmar (ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Programm Qafas) u tagħti ħarsa wkoll lejn is-Seba' Programm Qafas (2007 - 2013). Il-verifika twettqet mal-Bord ta' l-Awdituri ta' l-EFTA u bl-għajjnuna ta' esperti esterni.

III. Il-verifika indirizzat il-kwistjoni dwar jekk l-approċċ tal-Kummissjoni biex tevalwa r-riżultati tal-Programmi Qafas kienx xieraq. F'dan il-kuntest, il-Qorti ċċekkja jekk il-Kummissjoni ssodisfatx ir-rekwiżiti legali għall-evalwazzjoni u aċċertatx jekk is-sistema tagħha biex tevalwa u timmonitorja kinitx tissodisfa l-aspettattivi tal-partijiet interessati. B'mod partikolari, il-Qorti staqsiet jekk

- (i) kienx hemm loġika ta' l-intervenzjoni li fuqha huma bbażati l-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti li tista' tipprovdi bażi soda għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ;
- (ii) il-Kummissjoni kinitx iddefiniet strateġija ta' l-evalwazzjoni għall-Programmi Qafas;
- (iii) l-istruttura organizzattiva tas-sistema ta' evalwazzjoni tal-Programmi Qafas tal-Kummissjoni żguratx li l-evalwazzjoni kienet ikkoordinata tajjeb, b'riżorsi xierqa u meqjusa bħala indipendenti biżżejjed mill-partijiet interessati;
- (iv) il-metodoloġiji użati għall-evalwazzjoni kinux sodisfaċenti; u
- (v) l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ provdewx informazzjoni u analiżi li jistgħu jintużaw biex itejbu programmi kontinwi u jippreparaw Programmi Qafas futuri. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti kienu li ġejjin:

- (i) in-nuqqas ta' loġika ta' l-intervenzjoni espliċita u d-definizzjoni fqira ta' l-oġġettivi tal-programm u kejl tal-prestazzjoni dgħajjef ma ppermettewx monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi;
- (ii) in-nuqqas ta' strateġija ta' l-evalwazzjoni komprensiva, miftiehma bejn "id-DĠs tar-riċerka" li jimplimentaw il-Programmi Qafas wassal għal approċċi inkonsistenti bejn is-servizzi tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, dan jidher min-nuqqas ta' evalwazzjoni ta' partijiet sinifikanti tal-Programmi Qafas;
- (iii) l-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas kienet deċentralizzata, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti fost id-Direttorati Ġenerali li jimplimentaw il-Programmi Qafas ma kinux effettivi u s-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni ma kellhom l-ebda rwol ta' infurzar. F'termini ġenerali, madanakollu, "id-Direttorati Ġenerali tar-riċerka" ikkonformaw mar-rekwiżiti formali tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni. L-użu ta' panels magħmula minn esperti esterni ta' livell għoli maħtura mill-Kummissjoni għal eżerċizzji ta' evalwazzjoni prinċipali kien jixraq ferm tajjeb lill-kuntest Komunitarju. Madanakollu, dawn il-panels temporanji ma ġewx involuti kmieni biżżejjed fil-proċess biex jinfluenzaw il-ġbir ta' l-evidenza u kellhom biss possibilitajiet limitati biex isegwu l-kwistjonijiet rilevanti tul iż-żmien. Billi ntuża biss panel tal-Programm Qafas ġenerali (flimkien ma' panel għal programm wieħed speċifiku) ma ngħatatx biżżejjed attenzjoni għal kwistjonijiet speċifiċi relatati ma' l-oqsma xjentifiċi differenti fil-Programmi Qafas;
- (iv) ingħatat gwida metodoloġika inadegwata, l-evalwaturi sabu diffikultajiet fil-ġbir ta' dejta rilevanti u ma kien hemm l-ebda studji ta' evalwazzjoni li indirizzaw l-eżiti u l-impatti ta' terminu ta' żmien itwal tal-Programmi Qafas, bil-kontra ta' kwistjonijiet ta' terminu ta' żmien qasir dwar l-implimentazzjoni tal-programm; u
- (v) riżultat ta' dak li intqal hawn fuq, u minħabba li t-twaqqit ta' l-evalwazzjonijiet bosta drabi kien prematur biex jindirizza l-kwistjonijiet l-aktar rilevanti, is-sistema ta' evalwazzjoni tal-Programmi Qafas tal-Kummissjoni kienet ta' użu limitat għal dawk li jfasslu l-politika, għall-partijiet interessati jew ukoll għall-Kummissjoni nfisha. Fl-

aħħar, ftit hemm tagħrif dwar il-kisba ta' l-objettivi tal-programm u r-riżultati tal-Programmi Qafas.

IV. Il-Qorti tirrikmanda illi:

- (i) il-loġika ta' l-intervenzjoni għandha ssir espliċita fil-leġiżlazzjoni futura. Suppożizzjonijiet ta' bażi għandhom jiġu spjegati, ir-rabta bejn objettivi xjentifiċi u soċjo-ekonomiċi għandha tiġi ċċarata u għandhom jiġu żviluppati indikaturi tal-prestazzjoni xierqa;
- (ii) għandha tiġi żviluppata strateġija ta' l-evalwazzjoni komprensiva mid-(u mifthema bejn id-) DĠs li jimplimentaw il-Programmi Qafas. B'mod partikolari, din l-istrateġija għandha tinvolvi approċċ konsistenti f'dak li għandu x'jaqşam mal-livell minimu li fih għandha sseħħ l-evalwazzjoni dettaljata sabiex tiegħu in konsiderazzjoni l-ispeċifitajiet ta' kull qasam xjentifiku;
- (iii) għandu jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' uffiċċju konġunt ta' l-evalwazzjoni biex jikkoordina l-attivitajiet ta' evalwazzjoni "tad-Direttorati Ġenerali tar-riċerka" għall-Programm Qafas totali u biex tinħoloq sistema ta' panels (u sub-panels) magħmula minn esperti esterni. Dawn il-panels għandhom jiġu stabbiliti minn kmieni biżżejjed sabiex jipprovdu assistenza effettiva lill-Kummissjoni, u jkomplu jagħmlu dan tul il-perijodu ta' programmar u wara;
- (IV) ir-rekwiżiti tad-dejta għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ għandhom jiġu analizzati tajjeb u għandu j sir użu aktar wiesa' ta' għejjun oħra eżistenti ta' dejta. Il-Kummissjoni għandha wkoll tirrazzjonalizza r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-parteċipanti. Fl-aħħar, għandha tippreżenta manwal ta' evalwazzjoni komprensiv għall-Programmi Qafas u tiżviluppa firxa usa' ta' metodoloġiji ta' evalwazzjoni u tekniki biex jintużaw fl-evalwazzjonijiet f'dan il-qasam; u

(V)il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi t-tip u l-ambitu ta' l-evalwazzjoni li għandha tiġi mistennija għad-dati speċifikati fil-leġiżlazzjoni tas-Seba' Programm Qafas u tikkjarifika kif l-evalwazzjonijiet jistgħu jintużaw biex jadattaw programmi ("programmi ta' taġħlim") u x'kontribuzzjoni jistgħu jagħtu għad-deċiżjonijiet politiċi.

INTRODUZZJONI

Ir-rwol ta' l-Unjoni Ewropea fis-sostenn ta' l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku


1. Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (RTD)¹ huwa l-element prinċipali tal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-innovazzjoni u, bħala tali, huwa kontributor importanti għat-titjib fl-istandards ta' l-għajxien. L-intervenzjoni pubblika fl-RTD hija ġeneralment iġġustifikata bħala miżura ta' korrezzjoni 'l hekk imsejħa "nuqqasijiet tas-suq", billi s-sostenn pubbliku jnaqqas l-inċertezza, u jipprovdi investiment fejn ir-riċerka hija benefiċċju pubbliku jew fejn hemm esternalitajiet sinifikanti.
2. L-Artikolu 163 tat-Trattat KE jstabbilixxi r-rwol tal-Komunitajiet dwar is-sostenn RTD, li jistipula li "il-Komunità għandha taħdem bil-għan li ssaħħaħ il-bażi xjentifiċi u teknoloġiċi ta' l-industrija tal-Komunità u ttejjgħiha biex issir aktar kompetittiva fuq livell internazzjonali, waqt li tippromwovi l-attività tar-riċerka meħtieġa ...". L-Artikoli 164 sa 173 jiddeterminaw l-attivitajiet li għandhom jitwettqu f'dan ir-rigward u l-ambitu u l-implimentazzjoni tal-programmi qafas (FPs) pluriannwali dwar ir-riċerka u l-iżvilupp. Il-Kummissjoni hija responsabbli milli tressaq proposti għall-Programmi Qafas, filwaqt li d-deċiżjonijiet tal-Programm Qafas u r-regoli ta' parteċipazzjoni u t-tixrid huma adottati b'ko-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan ta' l-aħħar jadotta waħdu l-programmi speċifiċi. Il-Programmi Qafas huma implimentati b'mod konġunt minn sitt Direttorati-Ġenerali (DĠ), 'l hekk imsejħa "DĠs tar-riċerka"².
3. Mill-firxa vasta ta' politika implimentata fl-Unjoni Ewropea biex tissaħħaħ l-innovazzjoni u l-kompetittività, il-Programmi Qafas huma l-istrument finanzjarju l-aktar importanti li jikkontribwixxi

¹ Skond l-OECD, ir-riċerka u l-iżvilupp jistgħu jiġu definiti bħala x-xogħol kreattiv imwettaq fuq bażi sistematika sabiex iżid ir-riżerva ta' l-għarfien, inkluż l-għarfien uman, kulturali u tas-soċjetà u l-użu ta' din ir-riżerva ta' l-għarfien biex jinħolqu applikazzjonijiet ġodda (ara l-OECD, Manwal Frascati - Standard ta' Prattika Propost għall-istħarriġ fuq ir-riċerka u l-iżvilupp sperimentali, Pariġi, 2002, p. 30). Fil-kuntest Komunitarju, l-akronimu RTD huwa użat, u jkopri t-teknoloġija kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp.

² Id-DĠ Riċerka huwa d-Direttorat-Ġenerali prinċipali li jamministra u jikkoordina l-Programmi Qafas. Ħames DĠs oħra li jamministraw ukoll (partijiet) mill-programmi speċifiċi fosthom l-aktar importanti d-DĠ Soċjetà Informatika u Media (l-oħrajn huma d-DĠ Enerġija u Trasport, id-DĠ Intrapriżi u Industrija, id-DĠ Sajd u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni).

lejn l-istrateġija ta' Lisbona³ u l-objettiv ta' Barcellona⁴ fuq livell Komunitarju.

Stampa 1 - Medja tal-parteċipazzjoni finanzjarja Komunitarja annwali – FP4 sa FP7 (KE)



Sors: Deċiżjonijiet leġiżlattivi għar-FP4 sas-FP7, ara l-Anness 2.

-
- ³ FI-2000, il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ffissa l-objettiv li jagħmel l-UE l-ekonomija l-aktar dinamika, kompetittiva, b'bażi sostenibbli ta' tagħrif sa l-2010, li tgawdi sitwazzjoni mingħajr qgħad u koeżjoni ekonomika u soċjali msaħħa.
- ⁴ FI-2002, il-Kunsill Ewropew ftehem li l-infiq b'mod ġenerali fuq l-RTD u l-innovazzjoni fl-Unjoni Ewropea għandu jkollu jgħadd bil-għan li jgħarreb it-3 % tal-Prodott Gross Domestiku sa l-2010. Barra dan, ikkjarifika li tnejn minn tlieta ta' dan l-investiment il-ġdid għandu jiġi mis-settur privat (ara l-Kummissjoni Ewropea, Investiment fir-riċerka: pjan ta' azzjoni għall-Ewropa; Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Komitat tar-Reġjuni, COM(2003) 226 finali, p. 7).

4. Permezz tal-Programmi Qafas, il-Komunità tipprovdi finanzjament lir-riċerkaturi fl-Unjoni Ewropea, pajjiżi msieġha u organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-baġits tagħhom żdiedu ħafna tul is-snin, u laħqu 7 217-il miljun euro fis-sena fis-Seba' Programm Qafas meta mqabbla ma' 2 761 miljun euro fir-Raba' Programm Qafas (ara ***I-Istampa 1***). Fit-termini ta' approprijazzjonijiet tal-baġit, dawn jirrappreżentaw l-akbar qasam ta' tmexxija diretta ċentralizzata fil-Kummissjoni⁵.

5. Il-Programmi Qafas huma differenti minn ħafna programmi nazzjonali għax ikopru kemm riċerka bażika kif ukoll riċerka applikata bil-parteċipazzjoni ta' l-industrija u organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka⁶. Dawn fihom programmi speċifiċi (u sub-programmi) li jitrattaw ma' oqsma xjentifiċi wiesa'. Dawn il-programmi tipikament jikkonsistu f'għadd ta' sferi li jikkonċentraw fuq oqsma xjentifiċi aktar speċifiċi. Dawn l-isferi mbaġħad huma implimentati permezz ta' proġetti (imsejġha "azzjonijiet indiretti") wara s-sejġhiet għall-proposti. B'dan il-mod, mijiet ta' proġetti individwali huma ffinanzjati f'kull sfera.

6. Is-sehem ġenerali tal-Programmi Qafas mill-finanzjament pubbliku totali ta' l-RTD fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jlaħħaq bejn 4 % u 5 %. Minkejja dan, l-impatt tiegħu fuq liema tip ta' attivitajiet ta' riċerka jitwettqu fl-Ewropa huwa akbar bil-bosta. Dan huwa minħabba li l-għotjiet Komunitarji ġeneralment jipprovdu biss parti tal-finanzjament totali għal proġett. Barra dan, meta japplikaw għall-finanzjament, ir-riċerkaturi jridu juru li l-proġetti tagħhom jindirizzaw l-oġettivi speċifikati fis-sejġhiet għall-proposti. B'dan il-mod, il-Programmi Qafas jiffissaw inċentivi biex jidderieġu l-attivitajiet RTD lejn oġettivi speċifiċi ta' l-UE.

⁵ F'każijiet ta' tmexxija diretta, il-Kummissjoni teżegwi l-operazzjonijiet meħtieġa biex twettaq l-attivitajiet ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha mingħajr l-ebda involviment mill-Istati Membri jew pajjiżi terzi li d-destinatarij ta' l-infiq huma residenti fihom.

⁶ Sa mill-2006, aktar minn 22 000 entità pubblika u legali kienu pparteċipaw fis-Sitt Programm Qafas biss, ġeneralment f'konsorzji ta' imsieġha.

7. Fis-snin reċenti saru bidliet sinifikanti fil-Programmi Qafas, minħabba:

- sfidi politiċi ġodda (l-istrateġija ta' Lisbona u l-oġettivi ta' Barċellona, it-twaqqif ta' "Żona Ewropea ta' Riċerka" (ERA) u ż-żieda fl-użu tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni⁷ fil-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni);
- it-tibdil fl-orjentazzjoni tal-Programmi Qafas, minn sempliċiment li tinstab soluzzjoni għall-problemi tekniċi fir-Raba' Programm Qafas u li jiġu indirizzati problemi soċjali speċifiċi fil-Ħames Programm Qafas, sa t-tneġġig tal-koperazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka fl-ERA u l-kontribuzzjoni lejn it-twaqqif ta' ekonomija u soċjetà imsejjsa fuq l-għarfien fis-Sitt u fis-Seba' Programm Qafas;
- perijodi ta' programmar itwal (qabel 4 snin, issa 7 snin għas-Seba' Programm Qafas skond il-Perspettivi Finanzjarji 2007 - 2013);
- aktar Stati Membri u pajjiżi parteċipanti;
- żjieda fil-finanzjament, b'mod partikolari bil-Perspettivi Finanzjarji attwali;
- it-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) u d-delegazzjoni ta' attivitajiet ta' programmi tat-tmexxija lill-aġenziji eżekuttivi li ser jibdew fis-Seba' Programm Qafas; u
- iż-żjieda fl-użu ta' strumenti ta' finanzjament fuq skala kbira (eż. Networks ta' Eċċellenza, Proġetti Integrati, proġetti ta' l-Artikolu 169, Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti).

⁷ Dan huwa metodu ta' koperazzjoni bbażat fuq il-prinċipju ta' koperazzjoni intergovernattiva volontarja. Dan jibbaża b'mod partikolari fuq it-tagħlim reċiproku, l-iffissar tal-livelli (benchmarking) u l-qsim ta' l-aħjar prattika.

L-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-Programmi Qafas

8. Il-Kummissjoni għandha responsabilità għall-implimentazzjoni tal-programmi u l-evalwazzjoni tar-risultati tal-programmi⁸. Fil-każ tal-Kummissjoni, l-evalwazzjoni hija deċentralizzata lejn id-DĠs, bis-servizzi ċentrali (b'mod partikolari d-DĠ Baġit u s-Segretarjat-Ġenerali) jipprovdu sostenn u koordinazzjoni.

9. Dan ir-rapport juża d-definizzjonijiet tal-Kummissjoni stess ta' evalwazzjoni bħala ġudizzju ta' interventi skond ir-risultati, l-impatti u l-ħtiġijiet li jimmiraw li jissodisfaw⁹, u monitoraġġ bħala l-għoti ta' informazzjoni fuq l-implimentazzjoni ta' programmi kontinwi u proġetti biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-manigment¹⁰. Dan huwa wkoll kif iż-żewġ attivitajiet huma distinti fil-leġiżlazzjoni attwali tas-Seba' Programm Qafas.

10. Minn hawn 'il quddiem, it-terminoloġija segwenti tintuża biex tiddekrivi r-risultati ta' l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku:

- “Prodotti” huma t-tagħrif, oġġetti u servizzi prodotti direttament bħala konsegwenza ta' intervent pubbliku (pubblikazzjonijiet, dokumenti tal-konferenzi, privattivi, liċenzji, prototipi, standards, xjenzjati mħarrġa, eċċ.);
- “Eżiti” huma r-risultat ttardjat ta' l-i-proċessar tal-prodotti mill-utenti; u

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), l-Artikoli 27, 48, 59 u 60.

⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mis-Sinjorina Grybauskaitė bi qbil mal-President, Inwieġbu għall-bżonnijiet strateġiċi: rinfurzar ta' l-użu ta' valutazzjoni, SEC(2007) 213, 21 ta' Frar 2007; Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mis-Sinjura Schreyer, Fok fuq ir-Risultati: it-Tiżni ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Attivitajiet tal-Kummissjoni, SEC(2000) 1051, is-26 ta' Lulju 2000.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1): l-Artikolu 7(1); l-informazzjoni ta' monitoraġġ li għandha tingħata mill-Kummissjoni lill-Kumitat ta' Programmar hija definita fid-deċiżjonijiet tal-programm speċifiċi (ara per eżempju d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar Koperazzjoni tal-Programm Speċifika li timplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86): l-Artikolu 8(4) u l-Anness V).

- “Impatti” huma l-bidliet soċjo-ekonomiċi u politiċi fuq terminu ta' żmien twil li l-intervent pubbliku jgħib miegħu.

Kaxxa 1 - Eżempju tas-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli (GSM): F'dan l-eżempju, il-"prodotti" tal-finanzjament Komunitarju kienu r-riżultati immedjati tal-proġett, bħall-iżvilupp ta' l-istandard tal-GSM. L-"eżitu" kien li ġie aċċettat bħala l-istandard tat-telefonija ċellulari diġitali fl-Ewropa u lil hinn minnha, li kkontribwixxa ħafna lejn l-iżvilupp ta' l-industrija tat-telekomunikazzjoni. Fl-aħħar, l-"impatti" kienu l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u politiċi ta' l-użu internazzjonali ta' din it-teknoloġija. Dan jinkludi l-kontribuzzjoni lejn il-ħolqien ta' l-impjigi fit-telekomunikazzjoni u industriji relatati u l-kobor fl-importanza ta' dan is-settur industrijali għall-ekonomija Ewropea. Fl-aħħar nett, il-GSM ta mod ġdid li bih in-nies jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin.

11. Madanakollu, l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riżultati fiha għadd ta' diffikultajiet metodoloġiċi (ara l-**Anness 1**). Il-bidliet soċjo-ekonomiċi huma kumplessi u, b'mod aktar speċifiku, ir-relazzjoni bejn l-attività ta' riċerka u l-eżiti u l-impatti li jiġu osservati ta' sikwit hija diffiċli li tinstab. Filwaqt li jirrappreżentaw sfida konsiderevoli, dawn id-diffikultajiet metodoloġiċi mhux bilfors ifixklu evalwazzjoni effettiva.

12. Il-Kummissjoni kellha sistema biex timmonitorja u tevalwa l-Programm Qafas fis-seħħ sa mis-snin tmenin¹¹. Bdiet bir-Raba' Programm Qafas f'nofs is-snin disgħin, is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kienet tikkonsisti f'numru ta' attivitajiet parzjalment relatati, li kienu jinkludu

- monitoraġġ annwali (prinċipalment ta' l-implimentazzjoni tal-programm), u
- evalwazzjonijiet fuq ħames snin (5YAs) ta' attivitajiet tal-Programm Qafas (u, sa mis-Sitt Programm Qafas, evalwazzjonijiet addizzjonali ta' kwestjonijiet speċifiċi).

Iż-żewġ attivitajiet kellhom jitwettqu bl-għajnuna ta' esperti esterni (ara l-**Istampa 2** u l-**Anness 2**).

Stampa 2 - FP4 sa FP7 - Rekwiżiti prinċipali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

FP4 (1995 – 1998)	FP5 (1999 – 2002)	FP6 (2003 – 2006)	FP7 (2007 – 2013)
<p>żewġ eżerċizzji ta' l-evalwazzjoni (ta' nofs it-terminu u finali), f'kull każ għall-20 sub-programmi tiegħu u l-Programm Qafas; l-evalwazzjoni finali taħbat ma' nofs it-terminu tal-FP5</p>	<p>żewġ eżerċizzji ta' l-evalwazzjoni simultanji (ta' nofs it-terminu), f'kull każ għas-7 Programmi Speċifiċi tiegħu u l-Programm Qafas</p>	<p>eżerċizzju ta' l-evalwazzjoni għall-Programm Qafas u t-3 Programmi Speċifiċi tiegħu (ta' nofs it-terminu), imma mhux speċifikament għall-20 sub-programm kollha, ikkomplementat minn evalwazzjoni speċifika u rapporti ta' progress regolari (jiġifieri monitoraġġ)</p>	<p>mill-anqas ħames eżerċizzji ta' l-evalwazzjoni (ex-ante, ta' nofs it-terminu u finali) inkluż rapport ta' progress speċifiku qabel l-evalwazzjoni interim</p>
<p>1. Ex-ante: le</p> <p>2. Nofs it-terminu: - "evalwazzjoni fuq ħames snin": f'nofs il-Programm Qafas, qabel il-Programm Qafas ta' wara (1997)</p> <p>3. Finali: - wara t-tlestija tal-Programm Qafas (1999)</p>	<p>1. Ex-ante: le</p> <p>2. Nofs it-terminu: - evalwazzjoni fuq ħames snin: qabel il-preżentazzjoni ta' proposta għal Programm Qafas ta' wara (2000) - revizzjoni tal-progress f'nofs il-Programm Qafas (2001)</p> <p>3. Finali: le</p>	<p>1. Ex-ante: le</p> <p>2. Nofs it-terminu: - evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-istrumenti (2004) - evalwazzjoni fuq ħames snin, qabel il-preżentazzjoni ta' proposta għal Programm Qafas ta' wara (2004) - rapporti ta' progress regolari (jiġifieri monitoraġġ)</p> <p>3. Finali: le [modifikat għal Deċiżjoni FP7]</p>	<p>1. Ex-ante: inkorporat fl-"Istima ta' l-Impatt tal-proposta tal-Kummissjoni għas-FP7 (2005)</p> <p>2. Nofs it-terminu: - ex-post, sentejn wara tmiem il-Programm Qafas preċedenti (2008) - rapport ta' progress qabel l-evalwazzjoni interim (qabel l-2010) - evalwazzjoni interim (2010)</p> <p>3. Finali: sentejn wara t-tlestija tal-Programm Qafas (2015), sostnut minn studji speċifiċi, l-evalwazzjoni interim u attivitajiet oħra ta' evalwazzjoni mwettqa matul il-perjodu tal-Programm Qafas</p>

Sors: Ara l-**Anness 2**.

¹¹ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni Komunitarju dwar l-Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet Komunitarji tar-riċerka u l-iżvilupp għas-snin 1987 sa 1991, COM(86) 660 finali, 20 ta' Novembru 1986, bi tweġiba għar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1983.

13. Sal-ġurnata ta' illum, twettqu tliet evalwazzjonijiet fuq ħames snin¹², li wasslu għar-rapporti "Davignon", "Majó" u "Ormala" (1997, 2000 u 2004 rispettivament). Barra dan, id-DĠ Soċjeta Informatika wettaq evalwazzjonijiet immirati għall-programm speċifiku tiegħu. Ta' min jinnota li l-evalwazzjonijiet fuq ħames snin ma tkomplewx bil-leġiżlazzjoni tas-Seba' Programm Qafas, b'hekk tneħħiet il-kundizzjoni li eżerċizzji ta' evalwazzjoni kbar kellhom jikkonċentraw fuq il-ħames snin preċedenti u, riżultat ta' dan, kellhom ikopru partijiet ta' żewġ perijodi ta' programmar suċċessivi. FI-2004, ir-rapport "Marimón"¹³, evalwazzjoni speċifika dwar l-effettività ta' l-istrumenti ġodda introdotti fis-Sitt Programm Qafas, kien ippubblikat ukoll.

14. Il-qafas tal-Kummissjoni għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni kien revedut fl-2000 u fl-2002¹⁴. Dawn il-komunikazzjonijiet ġew aġġornati fl-2007 u ttieħdu in konsiderazzjoni l-konsegwenzi tar-riforma amministrattiva tal-Kummissjoni u r-Regolament Finanzjarju l-ġdid¹⁵. F'dawn id-dokumenti, ir-rwol u l-funzjoni ta' l-evalwazzjoni huwa deskritt fil-kuntest taċ-ċiklu ta' l-ippjanar, l-ipprogrammar u r-rappurtar ġenerali tal-Kummissjoni u sett ta' 21 standard ta' evalwazzjoni u 18-il mudell ta' "prattika tajba" huma speċifikati. Barra dan, dawn id-dokumenti jiddiskutu l-użu ta' l-evalwazzjoni fil-preparazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

¹² Il-Kummissjoni Ewropea, Evalwazzjoni fuq ħames snin tal-Programmi ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, 1992-1996. Rapport tal-Panel ta' Esperti indipendenti ppresedut mill-Viskonti Davignon (1997); Il-Kummissjoni Ewropea, Evalwazzjoni fuq ħames snin tal-Programmi ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, 1995-1999; Rapport tal-Panel ta' Esperti indipendenti ppresedut minn Joan Majó (Lulju 2000); Il-Kummissjoni Ewropea, Evalwazzjoni ta' ħames snin tal-Programmi ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, 1999-2003; Rapport tal-Panel ta' Esperti indipendenti ppresedut minn Erkki Ormala (15 ta' Diċembru 2004).

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea, Evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-istrumenti l-Ġodda tas-Sitt Programm Qafas, 21 ta' Ġunju 2004, Rapport ta' Panel ta' Esperti ta' livell għoli bil-presidenza tal-Professur Ramon Marimón.

¹⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mis-Sinjura Schreyer, Fok fuq ir-Riżultati: it-Tisħiħ ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Attivitajiet tal-Kummissjoni, Lulju 2000, SEC(2000) 1051; Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mingħand il-President u s-Sinjura Schreyer, Standards ta' l-Evalwazzjoni u Prattika Tajba, C(2002) 5267, 23.12.2002.

¹⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mis-Sinjorina Grybauskaitė bi qbil mal-President, Inwieġbu għall-bżonnijiet strateġiċi: rinfurzar ta' l-użu ta' valutazzjoni, SEC(2007) 213, 21 ta' Frar 2007.

L-AMBITU U L-APPROĊ TAL-VERIFIKA

15. L-objettiv prinċipali tal-verifika kien li tiddetermina jekk il-Kummissjoni kelliex approċċ adegwat biex tevalwa r-riżultati tal-programmi qafas tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku.

16. Sabiex tikseb dan l-objettiv, il-Qorti evalwat il-punt sa fejn:

- il-loġika ta' l-intervenzjoni espliċita hija l-bażi għall-Programm Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom li madwarha l-prodotti, l-eżiti u l-impatti jistgħu jitkejlu u jiġu evalwati, u b'hekk jipprovdu bażi soda għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ;
- għet definita strateġija ta' evalwazzjoni għall-Programm Qafas li tippromwovi evalwazzjoni effettiva u konsistenti;
- l-istruttura organizzattiva tas-sistema ta' evalwazzjoni tassigura li hija kkoordinata b'mod xieraq fil-Programm Qafas, b'riżorsi adegwati u wkoll li l-partijiet interessati jikkunsidrawha bħala indipendenti biżżejjed;
- il-metodoloġiji użati jassiguraw li l-kwistjonijiet rilevanti huma indirizzati b'mod xieraq, sabiex l-evalwazzjoni tkun ikkunsidrata bħala kredibbli; u
- l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ jipprovdu informazzjoni u analiżi li jistgħu jintużaw biex itejbu programmi kontinwi ("programmi ta' taġħlim") u jippreparaw Programmi Qafas futuri.

17. Dan ir-rapport ikopri l-arranġamenti rilevanti għar-Raba' Programm Qafas (1995 – 1998), il-Ħames Programm Qafas (1999 – 2002) u s-Sitt Programm Qafas (2003 – 2006). Jiddiskuti wkoll ir-reqwiżiti legali attwalment fis-seħħ fis-Seba' Programm Qafas (2007 - 2013),

imma ma jipprovdix analiżi ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt u l-evalwazzjoni *ex-ante*¹⁶ tas-Seba' Programm Qafas tal-Kummissjoni. Il-fok tiegħu huwa fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni *ex-post* tal-programmi, u mhux l-evalwazzjoni *ex-ante* ta' proposti tal-proġetti jew l-evalwazzjonijiet *ex-post* tal-proġetti nnifishom.

18. Il-verifika twettqet bil-parteciġazzjoni tal-Bord ta' l-Awdituri ta' l-EFTA u bl-għajnuna ta' esperti esterni. L-evidenza tal-verifika nġabret permezz ta':

- xogħol tal-verifika fil-Kummissjoni (reviżjoni tad-dokumenti u intervisti mal-persunal), li jinvolvi l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti legali u statutorji, reviżjoni ta' l-oġettivi u l-kriterji tal-prestazzjoni, l-analiżi ta' aktar minn 80 rapport ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u analiżi ta' l-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet ta' evalwazzjoni fil-Kummissjoni;
- intervisti ma' aktar minn 90 espert identifikati bħala partijiet interessati fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u n-Norveġja);
- sħarriġ ma' partijiet interessati istituzzjonali fil-Kumitat tal-Parlament Ewropew ITRE¹⁷ u fil-Kumitat tal-Kunsill CREST¹⁸;
- konsultazzjoni ma' aktar minn 65 espert fil-qasam ta' l-evalwazzjoni tar-riċerka fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u fil-Kanada bħala grupp internazzjonali ta' paragon;

¹⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' F'idma tal-Persunal, Evalwazzjoni ta' l-Impatt u evalwazzjoni *ex-ante*, SEC(2005) 430.

¹⁷ Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew huwa (b'mod partikolari) responsabbli għall-politika industrijali, il-politika tar-riċerka (inkluża t-tixrid u l-isfruttar tas-sejbiet tar-riċerka), il-politika ta' l-ispazju, l-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, it-Trattat Euratom, u s-soċjetà informatika u l-informazzjoni teknoloġika.

¹⁸ Il-CREST ("Comité de la Recherche Scientifique et Technique" - Il-Kumitat Xjentifiku u ta' Riċerka Teknika) ġie stabbilit minn Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Jannar 1974 u huwa magħmul minn rappreżentanti ta' awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għall-politika xjentifika u teknoloġika ta' l-Istati Membri. Il-CREST għandu rwol konsultattiv, li jinforma lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, b'mod partikolari dwar suġġetti relatati mal-koordinazzjoni tal-politika tar-Riċerka u l-Iżvilupp nazzjonali u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas.

- reviżjoni tad-dokumentazzjoni akkademika fuq it-tendenzi attwali fl-evalwazzjoni tar-riċerka; u
- id-diskussjoni tas-sejbiet, konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-verifika ma' esperti ta' l-evalwazzjoni tar-riċerka mill-Ewropa u mill-Amerika ta' Fuq waqt sensiela ta' laqgħat ta' gruppi ta' fok ippreseduti minn konsulent indipendenti (facilitated focus group meetings) fi Frar 2007.

OSSERVAZZJONIJIET TAL-VERIFIKA

Loġika ta' l-intervenzjoni, l-iffissar ta' l-oġettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni

19. Evalwazzjoni u monitoraġġ effettivi jeħtieġu oġettivi ċari u indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti fil-livell tal-politika, programm u proġett biex ir-riżultati ta' intervent pubbliku jiġu evalwati b'paragun magħhom. Prattika tajba f'oqsma baġitarji oħra ta' l-UE u lil hinn mill-UE jissuġġerixxu li dawn għandhom jiġu definiti fil-qafas ta' loġika ta' l-intervenzjoni.

20. Il-loġika ta' l-intervenzjoni tista' tiġi definita bħala sett ta' rabtiet ipotetiċi bejn il-kawżi u l-effetti li jiddeskrivu kif intervent huwa mistenni li jikseb l-oġettivi globali tiegħu¹⁹. Il-linji ta' gwida tal-Kummissjoni għall-evalwazzjoni jgħidu li l-loġika ta' l-intervenzjoni tagħti r-rabta konċettwali mir-riżorsi ta' l-intervenzjoni sal-produzzjoni tal-prodotti u, sussegwentement, l-impatti tagħha fuq is-soċjetà fit-termini tar-riżultati u l-eżiti²⁰. Din id-defizzjoni tintuża tul ir-rapport kollu.

¹⁹ Il-mudelli tal-loġika li juru kif ir-riżorsi fl-attivitajiet differenti jwasslu għal riżultati mistennija huma l-mod l-aktar xieraq biex tintwera l-loġika ta' l-intervenzjoni. Dawn il-mudelli għandhom il-kapaċità li jispjegaw b'mod ċar is-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat it-tfassil ta' programm u kif l-oġettivi ġenerali jiġu maqsuma f'oġettivi operattivi.

²⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Baġit, Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-UE: linja ta' gwida prattika għas-servizzi tal-Kummissjoni, Lulju 2004, p. 87 u 106.

21. Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom, u b'hekk kellha bażi soda għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

Il-loġika ta' l-intervenzjoni għall-Programmi Qafas ma kinitx espliċita

22. Id-definizzjoni ta' loġika ta' l-intervenzjoni għandha tkun element prinċipali tat-tfassil ta' programm mill-bidu. L-Artikolu 163 tat-Trattat, li jgħid li hemm bżonn li jissaħħu l-bażi xjentifiċi u teknoloġiċi u jneġġeġ aktar kompetittività, għandu jagħti l-punt ta' bidu għal tali loġika ta' l-intervenzjoni għall-Programmi Qafas (ara l-paragrafu 2). Din tkun meħtieġa li ssir aktar speċifika fir-rigward ta' l-oqsma xjentifiċi differenti koperti mill-Programmi Qafas u l-istrumenti differenti użati.

23. Madanakollu, mudell ta' loġika espliċitu li jispjega kif il-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom jikkontribwixxu lejn progress xjentifiku u teknoloġiku u l-innovazzjoni huwa nieqes fil-livelli kollha.

24. In-nuqqas ta' loġika ta' l-intervenzjoni għall-Programmi Qafas kienet enfasizzata wkoll mill-panel ta' l-evalwazzjoni fuq 15 snin ta' l-2004, li kien jgħid li panels bħalu huma mitluba jimplw il-vojt bejn, min-naħa waħda, l-evidenza prinċipalment miġbura fil-livell tal-proġett u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet soċjo-ekonomiċi ta' livell aktar għoli tal-politika tar-riċerka. Madanakollu, bħalissa r-rabta hija diffiċli li ssir minħabba l-mod li bih huwa ppjanat il-Programm Qafas. Huwa nieqes minn loġika espliċita li torbot l-ogħla objettivi ma' l-għanijiet speċifiċi tar-riċerka u tat-tagħrif²¹.

²¹ Evalwazzjoni fuq 15 snin tal-Programmi Qafas tar-Riċerka ta' l-Unjoni Ewropea, 1999-2003, Rapport tal-Panel ta' Espert Indipendenti bil-presidenza ta' Erkki Ormala (15 ta' Diċembru 2004): Sezzjoni 6 Evalwazzjoni tal-Programm Qafas, p. 19.

25. F'xi Stati Membri jittieħed approċċ differenti (eż. l-Olanda, il-Finlandja) u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika (ara l-**Istampa 3**), fejn id-definizzjoni ta' loġika ta' l-intervenzjoni hija aktar komuni u fil-Kanada fejn hija mandatorja għall-programmi kollha (ara l-**Anness 3**). Fil-fatt l-użu tal-loġika ta' l-intervenzjoni fit-tfassil ta' programm hemm jirriżulta fi programmi aktar iffukati u strutturati aħjar. Qed tiġi introdotta ukoll mill-Kummissjoni f'oqsma oħra tal-politika tal-Komunità (eż. l-għajnuna esterna)²².

Stampa 3 - Definizzjoni ta' ġerarkija ta' objettivi bbażata fuq mudelli tal-loġika - eżempju tar-riċerka agrikola fl-Istati Uniti

Politika	Programm	Proġett
Objettiv tal-politika: li tikkontribwixxi għall-għajxien aħjar ta' familji tal-bdiewa		
Għan: żjeda fil-produzzjoni, produttività u dħul agrikolu fost il-familji tal-bdiewa	Objettiv tal-programm: li jikkontribwixxi għal żjeda fil-produzzjoni, produttività u dħul agrikolu fost il-familji tal-bdiewa	
Riżultat mistenni: l-użu ta' teknoloġiji agrikoli mtejbja żdied fost il-bdiewa mmirati	Għan: użu akbar ta' teknoloġiji agrikoli mtejbja mill-bdiewa (eż. ross)	Objettiv tal-proġett: li jikkontribwixxi għall-użu akbar ta' teknoloġiji agrikoli mtejbja rikkmandati
	Riżultat mistenni: għoti/tixrid ta' rakkommandazzjonijiet għall-bdiewa mmirati	Għan: rakkommandazzjonijiet mogħtija għal teknoloġiji mtejbja xierqa għal bdiewa mmirati
		Riżultati mistennija (eż.): 1. teknoloġiji identifikati abbażi ta' prijoritajiet tal-bdiewa 2. teknoloġiji ġenerati u adattati 3. teknoloġiji ċċekkjati fl-għelieqi tal-bdiewa

Sors: Il-Kunsill Nazzjonali tar-Riċerka Agrikola ta' l-Istati Uniti.

26. Li l-bażi loġika għal intervent pubbliku u r-rabtiet ta' kawżalità issoponuti (li skond dawn il-programmi huwa mbagħad ippjanat fid-dettall, eżegwit u evalwat) ma jiġux speċifikati b'mod li joħolqu rabta legali ifixkel l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ effettiv tal-Programmi Qafas. Dan huwa partikolarment minħabba l-mod li bih l-objettivi tal-programm u l-indikaturi tal-prestazzjoni jiġu definiti.

²² Pajjiżi li jirċievu għajnuna esterna huma meħtieġa li jippreżentaw mudelli tal-loġika għall-iffinanzjar tagħhom mill-Komunità (Il-Kummissjoni Ewropea, Metodi ta' għoti ta' għajnuna, Volum 1, Linji ta' gwida dwar it-tmexxija taċ-ċiklu ta' proġett, Marzu 2004, is-Sezzjoni 5: L-approċċ tal-qafas loġiku).

Mingħajr mudell tal-loġika espliċitu huwa aktar diffiċli li jiġu ffixxati objettivi tal-programm koerenti

27. Jekk il-bażi loġika ta' intervent pubbliku ma tkunx espliċita jkun aktar diffiċli li l-objettivi tal-programm jiġu ffixxati u strutturati b'mod koerenti. Dan jintwera mill-fatt li:

- mhux ċar kif l-objettivi ta' programm tal-Programmi Qafas jirrelataw ma' l-objettivi tal-politika, bħall-objettiv ġenerali fl-Artikolu 163 tat-Trattat, daww imsemmija fl-istrateġija ta' Lisbona u fid-dikjarazzjoni ta' Barċellona (ara l-paragrafu 2 u 7);
- ir-relazzjoni bejn l-objettivi individwali tal-programm, kemm fl-istrati differenti tal-leġiżlazzjoni (bħad-deċiżjoni tal-Programm Qafas, id-deċiżjoni speċifika tal-programm u r-regoli ta' parteċipazzjoni u ta' tixrid) kif ukoll bejn l-atti bażiċi u l-programmi ta' xogħol tal-Kummissjoni, mhux dejjem tidher.

28. Il-Kummissjoni ppruvat tiffissa objettivi operattivi fil-programmi ta' xogħol ibbażati fuq l-objettivi ta' programm definiti fil-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas. Iżda, kważi fil-każijiet kollha, dawn l-inizjattivi naqqsu milli jiċċaraw il-loġika li fuqha huma bbażati l-programmi u l-objettivi mniżżla fil-programmi ta' xogħol ma kinux speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jinkisbu, rilevanti u fil-ħin (SMART). FI-2003, dan sar rekwiżit legali skond ir-Regolament Finanzjarju²³.

29. Il-punt sa fejn l-objettivi tal-politika jistgħu jiġu traċċati mill-programmi speċifiċi, mill-programmi ta' xogħol u mis-sejnhiet għall-proposti għall-proġetti individwali ko-finanzjati mill-Komunità mhux ċar. Jekk dawn ir-rabtiet ma jiġux ikkjarifikati, il-kontribuzzjoni tal-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom lejn il-kisba ta' dawn l-objettivi tal-politika ma tistax tiġi evalwata. Il-verifika sabet illi l-Kummissjoni ma tat l-ebda jew inkella ftit evidenza konvinċenti dwar il-kisba ta' l-objettivi ta' terminu ta' żmien itwal, kemm fil-livell tal-proġett u kif ukoll tal-programm, fl-evalwazzjonijiet tagħha (ara l-paragrafu 82).

²³ Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, l-Artikolu 27(3).

In-nuqqas ta' loġika ta' l-intervenzjoni espliċita u objettivi ċari jaqħmluha aktar diffiċli li jiġu żviluppati indikaturi tal-prestazzjoni

30. In-nuqqas ta' mudell ta' loġika espliċitu u spjegazzjoni ċara ta' l-objettivi tal-programm fixkel ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ u l-kisba ta' l-objettivi tal-programm f'termini ta' prodotti, eżiti u impatti, sal-punt fejn, sa llum, tali indikaturi ta' "effettività" ma ġewx definiti għall-Programmi Qafas kollha (ara l-paragrafu 73).

31. F'din is-sitwazzjoni, ir-reviżjoni ta' proġetti kontinwi ffinanzjati minn dawn il-programmi u l-evalwazzjoni *ex-post* ta' dawk ikkompletati ssir aktar diffiċli u tikkontribwixxi għad-diffikultajiet fl-aggregazzjoni ta' l-evalwazzjonijiet mill-livell tal-proġett għal dak tal-programm (ara l-**Anness 1** u l-paragrafu 84).

L-ABB/ABM kif implimentata attwalment mhix qħodda xierga biex tkejjel il-prestazzjoni tal-Programmi Qafas

32. Xi indikaturi li jittraċċaw l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni ta' programmi (eż. iż- biex isir il-kuntrattar, iż-żmien biex jitwettaq il-pagament) jinstabu fir-rapporti ta' monitoraġġ annwali tal-Kummissjoni u wkoll fil-kuntest tas-sistema ta' Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività (ABM) tal-Kummissjoni.

33. Iżda, s'issa, "id-DĠs tar-riċerka", anke meta qed jimplimentaw l-istess programm speċifiku (jew sub-programm), ma applikawx nomenklatura ta' l-lbbaġitjar l-bbażat fuq l-Attività (ABB) u indikaturi relatati standard jew komparabbli. Għalhekk, dawn l-indikaturi ma jistgħux jintużaw biex jqabblu l-prestazzjoni bejn u fil-programmi.

Kaxxa 2 - ABB/ABM kif implimentata attwalment "mid-DĠs tar-riċerka": Fis-sistema ta' I-ABB/ABM, il-Programmi Qafas huma koperti minn żewġ oqsma tal-politika differenti fejn I-attivitajiet tal-Programm Qafas huma ppreżentati fihom skond nomenklatura differenti speċifika għad-DĠ²⁴. Din tapplika wkoll għal dawk il-programmi u sub-programmi speċifiċi implimentati minn aktar minn DĠ wieħed. L-objettivi ta' I-ABM ġew definiti skond prinċipji ta' bażi differenti²⁵ u, kif indikat mis-servizz tal-verifika interna tal-Kummissjoni²⁶, ġew ifformulati l-aktar f'termini ġenerali, li jiddeskrivu l-aspirazzjonijiet jew l-attivitajiet. L-indikaturi ġeneralment ġew orjentati skond ir-riżorsi (eż. in-numru ta' laqgħat, eċċ.). Xi wħud kienu relatati ma' l-effiċjenza tal-proċess (eż. iż-żmien biex isir l-ikkuntrattar, iż-żmien biex jitwettaq il-pagament), imma ma kinux kumparabbli bejn il-programmi u minn DĠs għall-ieħor minħabba d-differenzi fin-nomenklatur ta' I-ABB, fis-suppożizzjonijiet speċifiċi għad-DĠ (bħall-bidu u t-tmiem ta' proċessi amministrattivi speċifiċi) u fil-popolazzjoni li huma bbażati fuqha (eż. it-tip ta' ftehim ta' l-għotja, it-tip tal-pagament) li ġie ikkunsidrat għall-komputazzjoni tagħhom.

Rakkomandazzjonijiet

34. Fil-proposti leġiżlattivi futuri lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tistabilixxi loġika ta' l-intervenzjoni espliċita għall-Programm Qafas sħiħ u l-partijiet kostitwenti tiegħu.

²⁴ FI-2006, il-qasam tal-politika "08 riċerka" kien strutturat abbażi ta' programmi speċifiċi (u sub-programmi) tal-perijodu ta' programmar għas-Sitt Programm Qafas (u b'konsegwenza mibdul minn struttura differenti fl-2007), filwaqt li fil-qasam tal-politika "09 Soċjetà Informatika" il-programm speċifiku kurrenti u l-preċedenti tpoġġew flimkien bħala attività ABB waħda (il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Riċerka, Direttorat A: Koordinazzjoni ta' l-attivitajiet Komunitarji, Ippjanar, Programmar, Evalwazzjoni, Pjan ta' Ġestjoni Annwali 2006, 20.12.2005; il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Soċjetà Informatika u Media, Pjan ta' ġestjoni annwali 2006, 23.12.2005).

²⁵ Fil-każ tad-DĠ Riċerka, l-objettivi ta' I-ABM (u l-indikaturi użati biex ikejlu l-kisba tagħhom) tbiddlu minn-sena għall-oħra. Id-DĠ Soċjeta Informatika, min-naħa uża objettivi pluriannwali, iżda li, ma kinux l-istess bħall-objettivi tal-programm (jew dawk speċifikati fil-livell tal-programm ta' xogħol).

²⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, Servizz tal-verifika interna, Reviżjoni ta' l-effettività u l-effiċjenza taċ-ċiklu SPP/ABM - SĠ u DĠ Baġit, 2005: paragrafu 4.1, p. 31.

35. Għas-Seba' Programm Qafas, il-Kummissjoni għandha

- tiddeskrivi biċ-ċar l-oġġettivi tal-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi (u sub-programmi) kostitwenti u kif dawn għandhom jinkisbu;
- tiċċara r-rabta bejn l-oġġettivi xjentifiċi u soċjo-ekonomiċi għal kull programm speċifiku (u sub-programm); u
- tiddefinixxi oġġettivi operattivi rilevanti.

36. Għas-sistema ta' monitoraġġ tas-Seba' Programm Qafas tagħha, il-Kummissjoni għandha tpoġġi fis-seh̄n sett limitat, imma bilanċjat, ta' indikaturi tal-prestazzjoni, biex titkejjel l-effiċjenza u l-effettività ta' l-implimentazzjoni tal-programm għal kull programm speċifiku (u sub-programm).

37. "Id-DĠs tar-riċerka" għandhom jarmonizzaw in-nomenklatura ta' l-ABM/ABB tagħhom biex jagħmlu l-indikaturi tal-prestazzjoni kumparabbli kemm fuq perijodu ta' żmien u, fejn possibbli, bejn programmi speċifiċi (u sub-programmi).

L-istrateġija ta' l-evalwazzjoni

38. Strateġija ta' l-evalwazzjoni tipprovdi l-qafas konċettwali li fih l-attivitajiet ta' evalwazzjoni huma mfassla, ippjanati, imwettqa u użati. Prattika tajba f'oqsma baġitarji oħra ta' l-UE u lill hinn mill-UE tissuġġerixxi li tali strateġija għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet legali, organizzattivi u metodoloġiċi prinċipali relatati ma' l-evalwazzjoni ta' programmi. Din tinkludi x'evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu, minn min u meta, kif għandha tinġabar id-dejta, x'approċċi metodoloġiċi għandhom jintużaw u kif is-sejbiet għandhom jiġu kkomunikati u segwiti.

39. Li tali strateġija tkun fis-seh̄n, u l-assigurazzjoni li tiġi implimentata, huwa pre-rekwiżit biex l-evalwazzjoni tissawwar fil-kultura organizzattiva u fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Il-Qorti tirrikonoxxi, madanakollu, li minħabba d-diversità ta' l-oqsma xjentifiċi koperti mill-programmi qafas, tali strateġija għandha tipprovdi grad xieraq ta' flessibilità lil kull DĠs responsabbli u m'għandiex tkun preskrittiva żżejjed.

40. Il-Qorti ċċekkjat il-punt sa fejn il-Kummissjoni kellha fis-seħħ tali strateġija ta' evalwazzjoni għall-Programmi Qafas.

Nuggas ta' strateġija ta' evalwazzjoni komprensiva għall-Programmi Qafas

41. Għall-Programmi Qafas, l-ewwel darba li l-Kummissjoni għamlet l-approċċ ta' evalwazzjoni tagħha pubbliku kien fis-snin tmenin²⁷. Dan ġie aġġornat fl-1996, meta l-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dak li kienet tqis bħala prinċipji ta' bażi rilevanti għall-monitraġġ u l-evalwazzjoni u ffissat l-approċċ intiż tagħha wara l-adozzjoni tar-Raba' Programm Qafas²⁸. Dan, iżda, ma kienx jikkostitwixxi strateġija ta' evalwazzjoni komprensiva kif imsemmija fuq (ara l-paragrafi 38 u 39). Barra dan, mill-1996 sa l-2006, il-Kummissjoni ma reġgħetx fundamentalment eżaminat mil-ġdid l-approċċ tagħha biex tevalwa l-Ħames Programm Qafas u s-Sitt Programm Qafas, minkejja l-fatt li dawn tbiddu kemm fl-ambitu kif ukoll fl-orjentazzjoni (ara l-paragrafu 7). B'mod partikolari, "id-DĠs tar-riċerka" ma qablux fuq approċċ konsistenti għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom lil hinn mir-rekwiżiti leġislattivi adottati fl-1999 (għall-Ħames Programm Qafas), fl-2002 (għas-Sitt Programm Qafas) u fl-2006 (għas-Seba' Programm Qafas)²⁹.

²⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar pjan ta' azzjoni Komunitarju dwar l-evalwazzjoni tal-programmi ta' riċerka u l-iżvilupp tal-Komunità, COM(83) 1 finali, 19 ta' Jannar 1983.

²⁸ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, Monitoraġġ u evalwazzjoni esterna indipendenti ta' l-attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, 22.5.1996 (COM(1996) 220 finali).

²⁹ Kull DĠ li jimplementa l-Programmi Qafas jiddokumenta l-evalwazzjonijiet ippjanati tiegħu fi pjanijiet ta' evalwazzjoni annwali (u pluriannwali). Iżda, wieħed ma jistax jgħid li dawn id-dokumenti ta' l-ippjanar jirrapreżentaw strateġija ta' l-evalwazzjoni.

42. Għall-perijodu ta' programmar attwali, in-nuqqas ta' tali approċċ strateġiku għall-evalwazzjoni f'dan il-qasam huwa problema partikolari minħabba l-implimentazzjoni konġunta tas-Seba' Programm Qafas minn varji Direttorati Ġenerali, l-ERC u l-aġenziji eżekuttivi, u r-rotazzjoni mandatorja tal-persunal f'karigi sensitivi imposta mir-Regolament Finanzjarju. Dan jikkuntrasta wkoll mal-prattika kurrenti fil-qasam ta' l-għajnuna esterna (li hija t-tieni l-akbar qasam ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni). F'dan il-qasam id-DĠs, sa mill-2002, ftehm fuq strateġiji ta' evalwazzjoni pluri-annwali komuni marbuta ma' perijodi ta' programmar (ara l-paragrafu 52).

43. Dan in-nuqqas ta' tfassil ta' strateġija ta' evalwazzjoni ċara jikkuntrasta bis-saħħa mas-sitwazzjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u fil-Kanada, minħabba li l-qafas regolatorju jitlob li jkun hemm strateġija (ara l-**Annex 3**).

44. Kif muri hawn taħt, hemm differenzi sinifikanti dwar xi tkopri u l-intensità ta' l-evalwazzjoni fil-Programmi Qafas. Kien hemm ukoll nuqqasijiet oħra, bħal problemi ta' koordinazzjoni, differenzi fl-approċċi metodoloġiċi, problemi ta' twaqqit u nuqqasijiet fil-komunikazzjoni u s-segwitu tas-sejbiet ta' l-evalwazzjoni diskussi f'sezzjonijiet aktar 'il quddiem f'dan ir-rapport. Dan jirrifletti n-nuqqas ta' strateġija ta' evalwazzjoni komprensiva għall-Programmi Qafas.

Differenzi f'dak li tkopri u fl-intensità ta' l-evalwazzjoni fil-Programmi Qafas

45. Il-Programmi Qafas huma komposti min-numru ta' programmi speċifiċi u (sub-programmi) li jistgħu jvarjaw sinifikament f'termini ta' l-għan, dinamiċi ta' bażi u approprijazzjonijiet baġitarji tagħhom (għas-Seba' Programm Qafas, ara l-**Annex 4**). Meħuda flimkien, id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-varji deċizzjonijiet tal-Programm Qafas u r-Regolament Finanzjarju³⁰ (li jeħtieġ l-evalwazzjoni ta' programmi u attivitajiet li jeħtieġu infiq sinifikanti) ifissru li rekwiżit legali biex jiġi evalwat kemm il-Programm Qafas sħiħ kif ukoll bosta mill-programmi speċifiċi kostitwenti tiegħu kien fis-seħħ sa mir-Raba' Programm Qafas.

³⁰ Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, l-Artikolu 27(4).

46. Il-Kummissjoni ma stabbilitx regola dwar meta programmi jew sub-programmi speċifiċi tal-Programm Qafas għandhom jiġu evalwati jew grad komuni li 'l fuq minnu din għandha titwettaq. Dan wassal għal interpretazzjonijiet inkonsistenti dwar x'għandu jiġi evalwat, u sa liema livell ta' dettall :

- Id-DĠ Soċjetà Informatika kkunsidra li l-programm IST huwa programm ta' inċipri prinċipali minnu nniffsu u organizza evalwazzjoni fuq 11 ta' snin sħiħa fl-2004 b'mod parallelu ma' dik tal-Programm Qafas totali;
- Id-DĠ Riċerka ma organizza sistematikament tali evalwazzjoni fuq livell tal-programm speċifiku minkejja li l-baġits ta' bosta programmi taħt ir-responsabilità tiegħu kienu ta' daqs komparabbli.

47. Riżultat ta' dan, għas-sena ta' evalwazzjoni fuq 11 ta' snin ta' l-2004, partijiet sinifikanti tar-Raba' u l-11 ta' Programm Qafas ma kinux evalwati (li jikkorrispondu għal 30 % ta' l-appropriazzjonijiet baġitarji kollha għar-Raba' Programm Qafas u 50 % għall-11 ta' Programm Qafas). Dan ifisser li l-Kummissjoni ma kkonformatx mar-rekwiżiti ta' l-evalwazzjoni speċifikati fl-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

48. Dawn l-interpretazzjonijiet diverġenti fir-rigward tar-rekwiżiti legali minimi dwar l-evalwazzjoni, u l-evalwazzjoni insuffiċjenti tal-Programmi Qafas li tirriżulta fil-passat, juru n-nuqqas ta' koordinazzjoni u l-effett tan-nuqqas ta' approċċ strateġiku mill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas. Rakkomandazzjonijiet

49. "Id-DĠs tar-riċerka" għandhom jiżviluppaw u jiftehmu urġentement fuq strateġija ta' evalwazzjoni komuni għall-Programmi Qafas. Mingħajr ma tkun wisq preskrittiva, din l-istrateġija għandha tinvolvi approċċ konsistenti f'dak li huwa relatat ma' l-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom. Tali strateġija għandha tagħti wkoll gwida f'dak li għandu x'jaqsam mal-livell minimu li fih għandha sseħħ l-evalwazzjoni dettaljata sabiex tiegħu in konsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet ta' kull qasam xjentifiku.

L-organizzazzjoni ta' evalwazzjonijiet għall-Programmi Qafas

50. L-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas teħtieġ li tkun sostnuta minn arranġamenti organizzattivi xierqa, li għandhom joħorġu mill-orjentazzjoni strateġika għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas tal-Kummissjoni. Il-Qorti ċċekkja il-punt sa fejn l-istruttura organizzattiva assigurat li s-sistema ta' evalwazzjoni kienet ikkoordinata b'mod xieraq, b'riżorsi adegwati u wkoll ikkunsidrata mill-partijiet interessati bħala indipendenti biżżejjed.

Il-Kummissjoni

Il-Programmi Qafas huma implimentati b'mod konġunt minn bosta DGs filwaqt li r-responsabilità għall-evalwazzjoni hija deċentralizzata

51. Fil-Kummissjoni, ir-responsabilità għall-evalwazzjoni tal-programmi ta' nfiq hija tad-DGs individwali (ara l-paragrafu 8) u unitajiet ta' evalwazzjoni ġew imwaqqfa f'kull DG. Dawn l-unitajiet ta' evalwazzjoni huma responsabbli mill-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' l-evalwazzjonijiet.

52. In-nuqqas ta' korp ta' koordinazzjoni speċifiku jew entità waħda għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas totali, bħall-uffiċċju konġunt ta' evalwazzjoni għad-"DGs tar-riċerka", huwa ta' kuntrast ma' oqsma tal-politika oħra. Fil-qasam ta' l-għajnuna esterna, ġiet stabbilita unità konġunta ta' evalwazzjoni għal tliet DGs (Żvilupp, Relazzjonijiet Esterni u EuropeAid) biex tiegħu nsieb l-evalwazzjoni tal-programmi ta' żvilupp tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi (ara l-paragrafu 42).

53. Id-DG Riċerka, permezz tan-netwerk intern ta' evalwazzjoni ta' l-RTD tal-Kummissjoni, jassigura skambju ta' tagħrif bejn l-unitajiet ta' evalwazzjoni tad-DGs differenti, imma m'għandux l-awtorità li jiffissa rekwiżiti minimi ta' evalwazzjoni. Iżda, dan il-mekkaniżmu kien insuffiċjenti biex jassigura l-koordinazzjoni xierqa ta' l-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas mill-Kummissjoni.

54. Il-Kummissjoni rrevediet l-approċċ ġenerali tagħha għall-evalwazzjoni fl-2000 u fl-2002, u għall-darba oħra fl-2007 (ara l-paragrafu 14). Għalkemm ma ġie osservat l-ebda titjib prinċipali fil-mod li bih l-evalwazzjonijiet għall-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom kienu ppjanati, imfassla u implimentati, f'termini ġenerali, id-"DGs tar-Riċerka" ikkonformaw mal-ħtiġijiet formali fil-Kummissjoni.

Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni: l-iffissar ta' l-istandards, imma l-ebda rwol ta' infurzar

55. Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni (b'mod partikolari d-DĠ Baġit u s-Segretarjat-Ġenerali) jipprovdu konsulenza metodoloġika, jiddefinixxu standards komuni fil-Kummissjoni kollha u jimmonitorjaw kif id-DĠs u s-servizzi japplikaw l-istandards (ara l-paragrafi 14 u 71). Ma jistgħux jimponu kif l-evalwazzjonijiet għandhom isiru fil-prattika.

56. L-esperjenza fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u fil-Kanada tindika li l-infurzar mill-korpi li jiffissaw l-istandards huwa strumentali biex jassigura l-operat effettiv tas-sistema ta' evalwazzjoni. Fiż-żewġ pajjiżi, id-dipartimenti federali jistabilixxu u jinfurzaw il-qafas li fih is-suċċess ta' programm jiġi finalment iġġudikat (ara l-**Anness 3**). Filwaqt li l-isfond huwa differenti, minkejja dan, is-sistemi huma bbażati fuq l-istess prinċipju ta' bażi li korp separat minn dak li jimplementa l-programm għandu jevalwa t-fassil tas-sistema ta' evalwazzjoni f'ċertu dettall u jistudja fil-fond l-effettività tagħha. L-istess jista' jiġi osservat f'xi Stati Membri (eż. fi Franza³¹, fi Spanja³², fil-Ġermanja³³), fejn korpi esterni jissorveljaw l-evalwazzjonijiet imwettqa minn aġenziji li jiffinanzjaw jew anke jwettqu dawn l-evalwazzjonijiet huma stess.

³¹ "Loi de programme pour la recherche n° 2006-450" tat-18.4.2006 u "Décret n° 2006-1334 relatif à l'organisation et au fonctionnement de l'Agence d'évaluation de la recherche et de l'enseignement supérieur (AERES)" tat-3.11.2006.

³² Agencia Nacional de Evaluación y Prospectiva under the Ministerio de Educación y Ciencia: Orden ECI/1252/2005 ta' l-4 ta' Mejju 2005 li tistabilixxi l-"Comisión Asesora de Evaluación y Prospectiva" (Kummissjoni Konsultattiva ta' l-Evalwazzjoni u l-Previżjoni).

³³ FI-2004 d-"Deutsche Forschungsgemeinschaft "(DFG) waqqfet stitut speċjalizzat, l-"Institut für Forschungsinformation und Qualitätssicherung" (IFQ), u tatu r-responsabilità biex jiżviluppa u jistandardizza l-metodoloġiji ta' l-evalwazzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità u t-twettiq ta' evalwazzjonijiet ta' attivitajiet RTD iffinanzjati mid-DFG.

Panels


Panels ta' esperti esterni: meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas sa mir-Raba' Programm Qafas

57. Sa mir-Raba' Programm Qafas, l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni prinċipali kollha (u l-monitoraġġ annwali) tal-Programmi Qafas kellhom jitwettqu minn (jew bl-għanjuna ta') panels ta' esperti esterni (ara l-**Anness 2**). Minkejja diffikultajiet biex jinstabu esperti adattati, tali panels għandhom il-potenzjal li jipprovdu trasparenza, joffru grad ta' indipendenza, jiffaċilitaw l-involviment ta' partijiet interessati u jużaw tagħrif dwar il-programmi qafas innifishom, l-evalwazzjoni u l-kwistjonijiet xjentifiċi ta' bażi.

58. Dan ġie kkonfermat mill-istħarriġ tal-Qorti, li wera li l-persuni li wieġbu jqisu li s-sistema tal-Kummissjoni ta' evalwazzjoni bbażata fuq panels tipprovdi garanzija ta' indipendenza (ara l-**Istampa 4**).

Stampa 4 – L-impressjoni ta' partijiet interessati istituzzjonali – l-indipendenza tas-sistema ta' evalwazzjoni bbażata fuq il-panels

Inti tal-fehma li l-Programmi Qafas kienu evalwati b'mod indipendenti għall-perijodu sa min-nofs id-Disgħinijiet)?



Sors: stħarriġ ta' l-ECA 2007.

Nuqqasijiet ta' l-approċċ tal-panel kif implimentat mill-Kummissjoni

59. Minkejja l-impressjoni pożittiva, kif urew il-membri tal-panels u l-partijiet interessati waqt il-verifika tal-Qorti, l-użu ta' panels ta' evalwazzjoni tal-Programmi Qafas mill-Kummissjoni kien ikkaratterizzat min-nuqqasijiet li ġejjin:

- is-soltu l-panels ta' evalwazzjoni jitwaqqfu inqas minn sena qabel ir-rapport tagħhom huwa mistenni u jiltaqgħu biss għal għadd limitat ta' laqgħat. Dan jagħmilha diffiċli għall-membri tal-panel biex jinfluwenzaw id-definizzjoni tad-dejta u l-analiżi meħtieġa għal xogħolhom. Barra dan, minħabba li l-panels huma "ad hoc" u temporanji, it-tagħrif dwar il-programmi ma jistax jiġi akkumulat faċilment u kwistjonijiet rilevanti ma jistgħux jiġu segwiti tul iż-żmien. Dan huwa nuqqas partikolari meta (bħal fil-każ tas-Seba' Programm Qafas) għadd ta' eżerċizzji ta' evalwazzjoni prinċipali huma ppjanati matul il-perijodu ta' programmar (ara l-**Annex 2**). Dan joħloq kuntrast ukoll mal-prattika tal-Kummissjoni għall-Gruppi ta' Konsulenza Esperta (EAGs) għall-Programmi Qafas, li huma korpi

permanent³⁴. Fil-Kanada³⁵ ukoll il-panels ta' evalwazzjoni huma permanenti sabiex jiggarrantixxu approċċ konsistenti u koerenti (ara l-**Anness 3**);

- meta tiddefinixxi t-termini ta' referenza għall-panels, u tispeċifika d-domandi ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni ma tikkonsultax mal-partijiet esterni, bħall-industrija u organizzazzjonijiet ta' riċerka prinċipali li jipparteċipaw fil-Programmi Qafas. Il-panel ta' monitoraġġ 2004 ukoll osserva din il-problema li utenti potenzjali għandhom ikunu nvoluti fil-proċess sa minn stadju bikri³⁶; u
- il-panels joperaw b'mod differenti mill-"peer review". Il-membri tagħhom ma jkollomx il-ħin li jwettqu evalwazzjonijiet tagħhom stess; dawn tipikament jipprovdu pariri bbażati fuq dejta u evidenza disponibbli għalihom minn sorsi oħra. Minħabba limitazzjonijiet ta' ħin, il-panels kellhom biss opportunitajiet limitati biex jikkummissjonaw studji addizzjonali neċessarji biex jindirizzaw id-domandi speċifikati fit-termini ta' referenza tagħhom. Fil-prattika, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, informazzjoni provduta mill-Kummissjoni biss kienet disponibbli għall-panels fl-evalwazzjoni fuq ħames snin.

³⁴ Fis-Seba' Programm Qafas, 15-il Grupp ta' Konsulenza Esperta twaqqfu mill-Kummissjoni meta mqabbla ma' 12-il Grupp ta' Konsulenza Esterna fis-Sitt Programm Qafas u 17-il Grupp ta' Konsulenza Esperta fil-Ħames Programm Qafas. Dawn il-Gruppi ta' Konsulenza Esperta jagħtu pariri lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' politika u tal-programm relatati mal-Programmi Qafas. Iżda, wieħed għandu jinnota li dawn il-Gruppi ta' Konsulenza Esperta ma jagħmlux kompletament parti mill-istruttura tal-programm fil-Programmi Qafas. Fi kliem ieħor, m'hemmx Grupp ta' Konsulenza Esperta għal kull programm speċifiku (jew sub-programm).

³⁵ Fil-Kanada kważi d-dipartimenti governattivi federali kollha waqqfu kumitati ta' evalwazzjoni permanenti, li jinvolvu uffiċjali dipartimentali anzjani u ta' sikwit partijiet interessati esterni wkoll, biex jissorveljaw is-sistema ta' evalwazzjoni ("Social Sciences and Humanities Research Council of Canada": Evaluation Standing Committee – Mandate and Membership).

³⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport ta' Monitoraġġ 2004: L-implimentazzjoni ta' l-Attivitajiet taħt il-qafas tal-KE u l-Euratom u programmi speċifiċi korrispondenti, Awwissu 2005, p. 5.

Riżorsi

L-ebda riżorsi assenjati b'mod speċifiku għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas

60. Il-finanzjament għall-evalwazzjoni jingħata fuq bażi annwali, skond il-ħtiġijiet speċifikati mid-DĠs li qegħdin jimplimentaw il-Programmi Qafas. Is-sorsi tiegħu bħalissa huma taħlita ta' riżorsi tal-Kummissjoni mid-DĠ Baġit ta' I-UE u riżorsi mill-parti amministrattiva tal-baġit fil-livell tad-DĠs ikkonċernati. Barra dan, miżuri speċifiċi huma ffinanzjati bħala azzjonijiet indiretti mill-baġit operattiv tal-Programmi Qafas. Dan ifisser li m'hemm l-ebda ammont imwarrab speċifikament għall-evalwazzjoni.

61. FI-2006, il-medja fil-Kummissjoni għall-persunal impjegati fil-qasam ta' l-evalwazzjoni u fil-ġestjoni bbażata fuq l-attività kienet stmata għal madwar 1 % tat-total tal-persunal³⁷. L-ċifri korrispondenti għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programmi qafas tar-Riċerka u l-Iżvilupp fid-DĠ Riċerka u fid-DĠ Soċjetà Informatika kienu 1,2 % u 1,3 % rispettivament. Fil-każ tad-DĠ Riċerka, aktar minn żewġ terzi ta' dawn ir-riżorsi tal-persunal kienu, madankollu, allokatu għad-dipartimenti tal-programm operattivi aktar milli għall-unità ta' l-evalwazzjoni, u l-evalwazzjoni kienet biss waħda mill-ħafna kompiti assenjati lilhom.

Il-finanzjament għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas aktar baxx milli rakkomandat mill-Kummissjoni

62. Riżorsi ddedikati għall-evalwazzjoni jistgħu jkunu wkoll espressi bħala persentaġġ ta' l-appropriazzjonijiet tal-baġit ġenerali allokatu għall-programm. Ċifri miksuba matul il-verifika jindikaw li l-prattika għal programmi ta' riċerka fi ħdan l-Istati Membri ta' I-UE jinsabu bejn 0,1 % u 2 %. Il-linji gwida tal-Kummissjoni jissuġġerixxu li 0,5 % ta' baġit ta' programm għandu jkun iddedikat għall-evalwazzjoni³⁸. Madankollu, għal programmi akbar, ekonomiji ta' skala jfissru li sehem iżgħar tal-baġits tagħhom jista' jkun biżżejjed.

³⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, L-ippjanar u l-aħjar użu tar-riżorsi umani tal-Kummissjoni biex iservu l-prijoritajiet ta' I-UE, SEC(2007) 530, l-24 ta' April 2007.

³⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mill-President u s-Sinjura Schreyer, Standards ta' evalwazzjoni u Prattika Tajba, C(2002) 5267, 23.12.2002; Il-Kummissjoni Ewropea,

63. Paragun taċ-ċifri tal-Kummissjoni għan-nefqa fuq l-evalwazzjoni fil-perijodu 2003-2006 ma' l-approprijazzjonijiet tal-baġit għal kull Direttorat-Ġenerali juri li l-medja ġenerali qiegħda madwar 0,15 %, li hija sinifikament taħt il-livell suġġerit mill-Kummissjoni. Analiżi eqreb għas-sena 2006 turi li d-DĠ Soċjetà Informatika nefaq erba' darbiet aktar bejn wieħed u ieħor mid-DĠ Riċerka fuq l-evalwazzjoni meta mqabbla ma' l-approprijazzjonijiet taħt ir-responsabbiltajiet rispettivi. Barra dan, fid-DĠ Riċerka, 0,7 % biss ta' uffiċjal wieħed full-time huwa ddedikat għall-evalwazzjoni għal kull baġit annwali ta' miljun euro. Meta mqabbel ma' dan, id-DĠ Soċjetà Informatika jiddedika d-doppju ta' dak l-ammont.

64. Kif muri f'dan ir-rapport, dan l-isforz addizzjonali ddedikat mid-DĠ Soċjetà Informatika rriżulta f'kopertura ta' l-evalwazzjoni aktar komprensiva (ara l-paragrafi 13 u 46) u, kif muri fil-kampjun ta' studji ta' evalwazzjoni rreveduti mill-Qorti, fl-użu ta' metodoloġiji li huma aktar adattati sabiex jindirizzaw ħtiġijiet ta' l-evalwazzjoni (ara l-paragrafu 84).

65. Stima ta' l-ispejjeż magħmula mill-Qorti abbażi ta' dejta mogħtija mill-Kummissjoni turi li sistema ta' evalwazzjoni bbażata fuq il-proposti magħmula f'dan ir-rapport kieku, bejn wieħed u ieħor, tirrappreżenta anqas minn 0,4 % ta' l-approprijazzjonijiet tal-baġit tas-Seba' Programm Qafas. Dan kieku jkopri l-ispejjeż ta' panels, studji sub-kuntrattati, persunal kemm ta' l-uffiċċju konġunt ta' l-evalwazzjoni kif ukoll ta' l-unitajiet ta' evalwazzjoni speċifiċi tad-DĠ kurrenti kif ukoll spejjeż oħra varji³⁹.

Dokument tal-Ħidma tal-Persunal, "Evalwazzjoni ta' l-Impatt u evalwazzjoni *ex-ante*", SEC(2005) 430, is-6 ta' April 2005, l-Anness 1, in-nota ta' qiegħ 209.

³⁹ FI-2007, il-Bord Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka (EURAB) irrikkmanda wkoll żjieda fir-riżorsi allokatu għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas (EURAB, "Recommendations on *Ex-Post* Impact Assessments", Lulju 2007).

Rakkomandazzjonijiet

66. Id-"DĠs Riċerka" għandhom jikkunsidraw it-twaqqif ta' uffiċċju konġunt ta' l-evalwazzjoni flimkien ma' l-unitajiet ta' evalwazzjoni eżistenti fi ħdan kull DĠ. Skond il-prattika kurrenti f'oqsma ta' politika oħra, dan l-uffiċċju jkun jista' jikkoordina l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni għall-Programm Qafas fit-totalità tiegħu. Tali funzjonijiet ta' sostenn komuni kienu rakkomandati fil-passat għad-DĠs li implimentaw il-Programmi Qafas⁴⁰ u għandhom mnejn isiru aktar importanti aktar 'il quddiem bil-ħolqien ta' l-ERC u d-delega ta' l-implimentazzjoni ta' programmi lill-aġenziji eżekuttivi.

67. Panels ta' evalwazzjoni għandhom ikomplu jintużaw mill-Kummissjoni biex jgħinuha fl-attivitajiet tagħha ta' evalwazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kif għandha tallinja l-istruttura ta' panel ma' l-istruttura ġenerali ta' programm tal-Programmi Qafas. Dan jista' jsir billi jkun hemm panels għal programmi speċifiċi u, fejn huwa xieraq, sub-programmi (ara l-**Anness 4**). Barra dan, dawn il-panels għandhom jitwaqqfu kmieni biżżejjed sabiex jagħtu sostenn effettiv lill-Kummissjoni, u jkomplu jagħmlu dan matul il-perijodu ta' programmar u wara.

68. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-riżorsi li se jintużaw għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom.

Metodoloġiji u tekniki ta' evalwazzjoni

69. Evalwazzjoni effettiva teħtieġ l-użu ta' metodoloġiji u tekniki xierqa. Il-Qorti ċċekkja safejn jeżistu linji gwida speċifiċi għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas, jekk ħtiġijiet ta' informazzjoni kinux analizzati tajjeb fuq bażi mwaqqta u jekk dejta relevanti kinitx magħmula disponibbli għall-evalwaturi. Filwaqt li kkunsidrat l-istudji ta' evalwazzjoni mwettqa mill- (jew f'isem il-) Kummissjoni, il-Qorti rrevediet jekk it-tekniki użati għall-istudji individwali tawx bażi biżżejjed sabiex ikunu indirizzati l-ħtiġijiet ta' evalwazzjoni stabbiliti għall-evalwazzjonijiet fuq ħames snin. Kienet ikkunsidrata wkoll il-kontribuzzjoni potenzjali li tista' ssir lill-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas minn evalwazzjonijiet fil-livell nazzjonali.

⁴⁰ Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004 dwar l-amministrazzjoni ta' azzjonijiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku indiretti taħt il-ħames programm qafas (FP5) għar-riċerka u żvilupp teknoloġiku (1998 sa 2002) (ĠU C 99, 23.4.2004), il-paragrafi 116 u 122.

Użu ta' standards u linji gwida speċifiċi għall-Programmi Qafas

70. Id-DĠ Baġit ħareġ bosta Komunikazzjonijiet fejn iffissa l-politika tiegħu ta' evalwazzjoni u ta' regoli għall-implimentazzjoni tagħha u waqqaf sett ta' standards tal-Kummissjoni (ara l-paragrafi 14 u 55)⁴¹. Għal oqsma oħra ta' politika, id-DĠs kompetenti żviluppaw ukoll gwidi ta' evalwazzjoni speċifiċi⁴².

71. Dan, madankollu, mhuwiex il-każ għall-Programmi Qafas. Hemm għadd ta' gwidi u programmi metodoloġiċi għal attivitajiet ta' evalwazzjoni fil-qasam tar-riċerka li ġew ippublikati (jew iffinanzjati) mill-Kummissjoni⁴³. Madankollu, dawn la jagħtu gwida speċifika dwar kif l-evalwazzjonijiet għall-Programmi Qafas għandhom jitwettqu u lanqas ma jiddefinixxu kif kunċetti ewlenin jew terminoloġija għandhom jintużaw mill-persunal tal-Kummissjoni jew minn esperti esterni. Dan ikkontribwixxa għall-problemi diskussi hawn taħt.

Dejta meħtieġa u ġbir tad-dejta

Analiżi insuffiċjenti ta' l-informazzjoni meħtieġa

72. Ma ngħatatx biżżejjed attenzjoni mid-"DĠs Riċerka" biex jifhmu liema dejta tinħtieġ għal skopijiet ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ. Minflok ma wettqet analiżi sistematika u komprensiva ta' l-informazzjoni meħtieġa, il-Kummissjoni speċifikat id-dejta meħtieġa tard fil-perijodu ta' programmar u mingħajr konsiderazzjoni xierqa għal ħtiġijiet ta' evalwazzjoni ġenerali. Il-kwestjonarju soċjo-ekonomiku tas-Sitt Programm Qafas kien l-uniku sforz komuni fost id-DĠs biex jaqblu fuq tali dejta (ara l-paragrafu 76). Madankollu, dan il-kwestjonarju kien finalizzat fl-

⁴¹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mis-Sinjura Grybauskaitė bi qbil mal-President, "Inwieġbu għall-bżonnijiet strateġiċi: rinforzar ta' l-użu ta' valutazzjoni", SEC(2007) 213, il-21 ta' Frar 2007; Kummissjoni Ewropea, Standards ta' evalwazzjoni u prattika tajba, C(2002) 5267, 23.12.2002.

⁴² 14-il DĠ għandhom tali manwali ta' evalwazzjoni għall-oqsma ta' politika u programmi taħt ir-responsabbiltà tagħhom (il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit - Unità ta' Evalwazzjoni, Ħarsa ġenerali lejn il-Gwidi ta' l-Evalwazzjoni fil-Kummissjoni, Ottubru 2004).

⁴³ Fahrenkrog, G. *et al*, RTD Evaluation Toolbox - Assessing the Socio-Economic Impact of RTD-Policies, IPTS-JRC, 2002; PREST *et al.*; "Assessing the Socio-economic Impacts of the Framework Programme"; Università ta' Manchester; 2002.

2004 (tliet snin wara l-bidu tal-perijodu ta' programmar) u primarjament ikopri aspetti bħall-parteċipazzjoni tas-sessi u impatti ambjentali, minflok prodotti xjentifiċi (bħal kwistjonijiet dwar il-proprjetà intellettuali, pubblikazzjonijiet eċċ.), eżiti jew impatti.

73. L-evalwazzjoni ta' programmi tiddependi ħafna fuq id-disponibbiltà ta' tliet tipi ta' dejta:

- dejta miġbura skond indikaturi ta' effettività, li l-analiżi tagħha tagħti tagħrif dwar progress lejn l-oġettivi tal-programmi. In-nuqqas ta' loġika ta' intervenzjoni li għaliha ssir referenza hawn fuq ifisser li kien diffiċli li tali indikaturi jkunu definiti (ara l-paragrafu 30). Fil-prattika, id-dejta li nġabret kienet ta' ftit relevanza biex titkejjel il-kisba ta' l-oġettivi tal-programmi;
- dejta dwar it-treġġja tal-programmi (skond indikaturi ta' "effiċjenza"); u
- dejta dwar il-parteċipanti (bħar-rati ta' parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet kbar tar-riċerka).

74. B'mod partikolari, l-aħħar tnejn għandhom ikunu disponibbli fil-Kummissjoni. Madankollu, minħabba problemi rigward is-sistemi interni ta' IT tal-Kummissjoni, li huma s-sors tal-biċċa l-kbira tad-dejta dwar it-treġġja u l-parteċipanti tal-programmi⁴⁴, fil-prattika għarrbu problemi sinifikanti⁴⁵.

⁴⁴ Filwaqt li l-Kummissjoni ġeneralment ikollha tali informazzjoni dwar il-parteċipanti, sikwit ma tkunx tista' tintuża faċilment għal analiżi dettaljata minħabba li dejta dwar parteċipant partikolari la tinżamm f'post uniku u lanqas ma tiġi bilfors irreġistrata f'forma kumpatibbli. Dan jagħmilha diffiċli li l-involviment tal-parteċipant jiġi traċċat tul iż-żmien, per eżempju għall-evalwazzjoni tar-raġunijiet ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni, u relazzjonijiet bejn parteċipanti, per eżempju għall-istudju ta' l-effetti ta' networking (ara l-paragrafu 84).

⁴⁵ Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2006, it-tabella 2.3, ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2005, il-paragrafu 7.13; ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2004, il-paragrafi 6.8 u 6.10; ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2003, il-paragrafi 6.9 u 6.70; ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004, il-paragrafi 105 – 108; l-Opinjoni Nru 1/2006 dwar il-proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli għall-parteċipazzjoni ta' l-intrapriżi, iċ-ċentri tar-riċerka, u l-universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea u għat-tifrix tar-riżultati tar-riċerka (2007 sa 2013) (ĠU C 203, 25.8.2006), il-paragrafu 57.

75. Dan jintwera mid-dewmien konsiderevoli biex ir-Rapporti ta' l-Artikolu 173 u r-Rapporti ta' Monitoraġġ Annwali jsiru disponibbli (sa 16-il xahar tard għar-Rapporti ta' l-Artikolu 173⁴⁶. Peress li din l-informazzjoni kienet tard b'mod konsistenti, kienet ta' użu limitat.

Approċċ ineffettiv għat-teħid ta' dejta ta' evalwazzjoni mill-parteciċipanti

76. Sa mill-Flames Programm Qafas, il-Kummissjoni b'mod sistematiku kienet titlob mill-parteciċipanti, b'kuntratt, li jagħtu dejta meħtieġa għall-kejl tal-kisba ta' objettivi tal-programmi f'termini ta' prodotti, eżiti u impatti, kif ġej:

- taħt il-Flames Programm Qafas, il-parteciċipanti kienu meħtieġa li jippreżentaw "Il-Pjan għall-Implimentazzjoni tat-Teknoloġija" flimkien ma' rapport finali wara li l-proġett kien tlesta. Dawn id-dokumenti spiss kienu ta' kwalità fqira jew inkella ma kienu ppreżentati xejn;
- taħt is-Sitt Programm Qafas, huma meħtieġa li jipproduċu "Pjan għad-Disseminazzjoni u l-Użu tat-Tagħrif" u jridu jwieġbu għal kwestjonarju standardizzat dwar kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi meta jippreżentaw ir-rapporti tekniċi annwali tagħhom.

77. Dawn ir-rekwiżiti kuntrattwali biex tingħata dejta poġġew piżijiet amministrattivi bla bżonn fuq il-parteciċipanti. Per eżempju, rigward il-kwestjonarju annwali tas-Sitt Programm Qafas, tinġabar dejta aktar spiss milli meħtieġa u mill-popolazzjoni sħiħa ta' proġetti meta kampjun rappreżentattiv kien ikun biżżejjed. Dan x'aktarx li jwassal għal "evaluation fatigue". Barra minn hekk, din l-informazzjoni nġabret fil-ħin ħażin, ħafna mill-kwistjonijiet ta' bażi li għalihom tinġabar dejta fin-natura tagħhom huma ta' terminu medju jew itwal, b'tali mod li l-ġbir ta' dejta tul iż-żmien kuntrattwali tal-proġett huwa prematur minnu⁴⁷. Għalhekk sar użu prattiku limitat biss ta' l-

⁴⁶ It-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, l-Artikolu 173: 'Fil-bidu ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar ir-riċerka u l-attivitajiet ta' żvilupp teknoloġiku, u d-disseminazzjoni tar-riżultati matul is-sena ta' qabel, u l-programm ta' xogħol għas-sena kurrenti.'

⁴⁷ Ma kien hemm l-ebda sforz sistematiku biex tinġabar dejta mill-parteciċipanti wara t-tlestija tal-proġett, ħlief għal sħarriġ speċifiku fil-qafas ta' l-evalwazzjonijiet. L-użu ta' sħarriġ kien imxekkel mill-fatt li l-parteciċipanti, b'differenza minn għadd ta' programmi tar-Riċerka u l-Żvilupp Teknoloġiku nazzjonali (eż. il-Ġermanja), mhumiex legalment obbligati li jagħtu tali dejta analitika.

informazzjoni mogħtija minn dawn l-għodod għall-evalwazzjonijiet taħt il-Ħames Programm Qafas u s-Sitt Programm Qafas.

78. Madankollu, l-ebda waħda mis-sistemi fis-seħħ ma fiha dispożizzjoni għall-ġbir ta' informazzjoni b'mod standardizzat fi tmiem (jew ftit wara) ħajjet proġett. Il-partijiet interessati intervistati ssuġġerew li tali informazzjoni tista' tinkludi l-kisba ta' objettivi tal-proġett, riżultati intiżi (u mhux ippjanati) u l-perċezzjoni tal-valur miżjud tal-Komunità mill-parteċipanti. Tali informazzjoni tista' wkoll tiffirma l-bażi għal reviżjonijiet esterni ta' proġetti kompluti⁴⁸.

79. Flimkien ma' użu aktar estensiv ta' approċċi xjentometriċi (bħall-analiżi ta' referenzi) għall-evalwazzjoni ta' riżultati ta' proġett (ara l-paragrafu 83), din tista' tagħti bażi għall-Kummissjoni biex timxi lejn sistema ta' finanzjament ibbażata fuq ir-riżultati għall-attivitajiet ta' l-RTD ko-finanzjati mill-Komunità⁴⁹.

Sorsi ta' dejta oħra użati b'mod inadegwat

80. Ma jsirx użu biżżejjed ta' sorsi oħra eżistenti ta' dejta fi ħdan il-Kummissjoni u l-Istati Membri (eż. databases ta' programmi nazzjonali ta' l-RTD u aġenziji ta' finanzjament u s-"Servizz Komunitarju ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp" (CORDIS) imħaddem mill-uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni⁵⁰).

⁴⁸ Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2004, il-paragrafu 94; l-Opinjoni Nru 1/2006, il-paragrafu 56.

⁴⁹ Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2006, il-paragrafu 7.33; ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2005, il-paragrafi 7.8 u 7.29; l-Opinjoni Nru 1/2006, il-paragrafi 58 sa 61.

⁵⁰ CORDIS hija l-unika database li tagħti informazzjoni dwar proposti, proġetti u riżultati li hija komuni għall-Programm Qafas kollu, tkopri bosta perijodi ta' programmar, u hija aċċessibbli minn barra l-Kummissjoni. Madankollu, dejta f'CORDIS għal proġetti individwali spiss ma tkunx aġġornata wara li tkun intgħażlet proposta. Sa u fis-Sitt Programm Qafas, il-parteċipanti tas-setturi pubbliċi u privati fil-Programmi Qafas ma kinux obbligati li jagħmlu r-riżultati tagħhom pubbliċi (Bord Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka (EURAB), "Scientific publication: policy on open aċċess", Diċembru 2006).

Studji ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni

Rapporti rreveduti mill-Qorti

81. Il-Qorti rrevediet 86 studju ta' evalwazzjoni mwettqa mill- (jew f'isem il-) Kummissjoni sa mill-2000. Dawn kienu jinkludu s-36 studju kollha li ffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni fuq ħames snin ppublikata fl-2004 u l-50 studju ieħor kompluti wara dik id-data. Minn dawn, 23 studju biss jistgħu jkunu kkunsidrati bħala evalwazzjonijiet ġenwini tal-FP u tal-programmi tiegħu (ara l-**Istampa 5**).

Stampa 5 - **Ħarsa ġenerali lejn l-istudji ta' evalwazzjoni mwettqa mill- (jew f'isem il-) Kummissjoni fil-perijodu 2000 sa 2006**

Tip ta' studji	Għadd	Deskrizzjoni
Evalwazzjonijiet ta' l-attivitajiet tal-Programmi Qafas	23	Studji ta' evalwazzjoni - ibbażati fuq metodoloġiji rikonoxxuti ¹ - jagħmlu referenza speċifika għal objettivi tal-programmi u għall-punt safejn intlaħqu l-objettivi tal-programmi.
Evalwazzjonijiet ta' l-impatt nazzjonali mibdija fil-livell ta' l-Istat Membru	12	Studji mwettqa mill-Istati Membri li jindirizzaw prinċipalment rati tal-parteċipazzjoni nazzjonali, minflok ma jikkonkludu dwar objettivi tal-programmi.
Studji metodoloġiċi	5	Studji organizzati mill-Kummissjoni biex jgħinu fl-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' l-evalwazzjoni.
Studji tax-xenarju tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku Ewropew	2	Studji li jindirizzaw l-analiżi kuntestwali dwar ix-xena tar-riċerka fl-Ewropa, imma mhux il-Programmi Qafas. B'mod partikolari ma ssir l-ebda referenza espliċita għall-effett li l-Programmi Qafas għandhom fuq ir-riċerka nazzjonali u sistemi ta' innovazzjoni.
Dokumenti deskrittivi u statistiċi mhux analitiċi	33	Dokumenti li tipikament jindirizzaw attivitajiet tal-Programmi Qafas b'mod indirett ħafna, u li spiss jiddeskrivu l-attivitajiet minflok ma janalizzawhom.
Dokumenti oħra	11	Firxa ta' dokumenti li jikkunsidraw kwistjonijiet ta' interess ta' politika ġenerali, mingħajr ma jeżaminaw il-Programmi Qafas f'dak il-kontest.

1 Hanne Foss Hansen, "Choosing evaluation models: A discussion on evaluation design," Evalwazzjoni, il-Volum 11 Nru 4, 2005, p. 447-462.

Evalwazzjonijiet li jiffukaw fuq kwistjonijiet ta' monitoraġġ, aktar milli fuq l-eżiti u l-impatti

82. Żewġ osservazzjonijiet ewlenija jirriżultaw mill-meta-analiżi tal-Qorti ta' dawn l-istudji ta' evalwazzjoni speċifiċi:

- filwaqt li ħafna mill-istudji jippruvaw jikkonkludu kontra l-oġettivi tal-programm, dawn il-konklużjonijiet huma ppreżentati b'mod vag, li jħalli l-qarrej dubjuż li l-evalwazzjoni tassew indirizzat din il-kwistjoni. Ta' spiss dan huwa minħabba li n-nuqqas ta' oġettivi tal-programm ċari li jxejjen il-proċess b'mod kritiku (ara l-paragrafu 28).
- minflok ma jevalwaw l-eżiti u l-impatti tal-Programmi Qafas jew tal-programmi (u sub-programmi) speċifiċi tagħhom, ħafna mid-dokumenti huma deskrittivi, u, l-aktar, jikkonċentraw fuq il-prodotti ta' proġetti immedjati u kwistjonijiet dwar it-treġija tal-proġetti. Dawn ir-rapporti ma jistgħux jagħtu provi konvinċenti dwar eżiti jew impatti.

Fokus insuffiċjenti fuq l-iżvilupp ta' metodoloġiji innovattivi

83. Jiddomina l-użu ta' metodoloġiji u tekniki tradizzjonali (b'mod partikolari s'fharriġ, reviżjoni ta' dokumenti u intervisti) għall-evalwazzjonijiet mwettqa fil-perijodu bejn l-2000 u l-2006 (ara l-***Istampa 6***). Barra min hekk, għadd ta' metodoloġiji u tekniki oħra ta' l-evalwazzjoni sofistikati, imma madanankollu stabbiliti sew, ma ntużawx (jew inkella intużaw biss f'okkażjonijiet rari), b'mod partikolari:

- approċċi xjentometriċi (b'hal għodda għall-analiżi ta' referenzi)⁵¹;
- mudelli kwantitattivi (b'hal effiċjenza ta' l-ispejjeż, l-effettività ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji u n-nefqa⁵²); jew


⁵¹ Sa u fis-Sitt Programm Qafas, il-parteċipanti tas-setturi pubbliċi u privati fil-Programmi Qafas ma kinux obbligati li jagħmlu r-riżultati tagħhom pubbliċi. F'Diċembru 2006, il-EURAB irrikkmanda l-garanzija ta' aċċess pubbliku b'xejn għar-riċerka ffinanzjata mill-Komunità billi wieħed jagħmel il-pubblikazzjoni mandatorja. Kien issuġġerit ukoll li l-Kummissjoni twaqqaf repositorju bbażat fuq il-web għal riżultati tal-proġetti ppubblikati (ara l-EURAB, "Scientific publication policy on open aċċess", Diċembru 2006).

⁵² Huwa nnutat li ntużaw tali mudelli biex ibassru l-effetti mikro u makro-ekonomiċi tas-Seba' Programm Qafas ippjanat (ara l-Kummissjoni Ewropea, "Monitoring Report 2004: implementation of

- mudelli ta' atturi (jew ta' mgjiba) (li jiffukaw fuq il-perspettivi ta' dawk involuti f'intervenzjoni, bħall-karatteristiċi ta' netwerks tar-riċerka u bidliet fihom tul iż-żmien).

Stampa 6 - L-użu ta' metodoloġiji u tekniki fl-evalwazzjoni tal-FP (2000-2006)

**Metodoloġiji u tekniki użati
fl-evalwazzjonijiet tal-Programmi Qafas sa mill-2000**



Nota: Jistgħu jintużaw bosta tekniki għal kull evalwazzjoni.

Sors: ECA.

84. Studji ta' l-evalwazzjoni li ppruvaw jindirizzaw xi wħud mid-diffikultajiet metodoloġiċi fl-evalwazzjoni ta' l-intervenzjoni pubblika fir-riċerka (ara l-**Anness 1**) intużaw biss f'għadd limitat ta' każijiet:

- dan l-aħħar tlestew żewġ studji fuq is-suġġett tal-loġika ta' interventzjoni⁵³;

activities under the EC and Euratom framework and corresponding specific programmes", Awwissu 2005, p. 23-25). Madankollu, m'hemmx provi li din l-evalwazzjoni ta' l-impatti ekonomiċi potenzjali tal-Programmi Qafas hija marbuta ma' xi pjan għal evalwazzjoni *ex-post*.

⁵³ Id-DĠ Soċjetà Informatika u Media, "IST-RTD Monitoring and Evaluation: Results and impact indicators (2003-2004)", 2005; "Networks of innovation in information society development and deployment in Europe", 2006.

- ġew identifikati tliet studji biss li jipprovaw jevalwaw l-effett li l-finanzjament Komunitarju kellu fuq l-imġiba ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerkaturi f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħidma bin-netwerk pan-Ewropea⁵⁴. Dan minkejja l-fatt li s-suppożizzjoni dwar effetti pożittivi rigward ħidma bin-netwerk tinsab fiċ-ċentru tal-kunċett ERA;
- f'każ wieħed biss sar sforz biex jinkisbu konklużjonijiet dwar l-impatt miksub fil-livell ta' programm (jew sub-programm) permezz ta' taħlita ta' l-aggregazzjoni ta' analiżi ta' evalwazzjoni fil-livell tal-proġett ma' tekniki oħra ta' l-evalwazzjoni⁵⁵; u
- ma nstabet l-ebda prova ta' l-użu ta' metodoloġiji oħra, bħall-approċċi "kontrofattwali" (jew ta' "grupp tal-kontroll"). Dan huwa approċċ li kien ikun siewi b'mod partikolari biex juri l-valur miżjud ta' programmi fil-livell Komunitarju meta mqabbel ma' nuqqas totali ta' interventzjoni (jew interventzjoni fil-livell nazzjonali jew reġjonali).

85. Partijiet interessati intervistati mill-Qorti kienu ta' l-opinjoni li l-utilità u r-relevanza ta' l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu jkunu mtejba. Dan juri l-ħtieġa għal aktar żvilupp metodoloġiku sabiex is-sistema ta' evalwazzjoni tista' tevolve biex tiegħu kont tal-karattur dejjem jinbidel tal-Programmi Qafas (ara l-paragrafu 7)⁵⁶.

Sfidi mqajma fl-evalwazzjonijiet fuq ħames snin ma setgħux ikunu indirizzati abbażi ta' l-istudji ta' evalwazzjoni speċifiċi tal-Kummissjoni

86. Dan jintwera wkoll mill-problemi sinifikanti ffaċċjati mill-panel ta' evalwazzjoni fuq ħames snin ta' l-2004⁵⁷ meta kienu qegħdin iwiegħbu għall-mistoqsijiet dwar l-evalwazzjoni suġġeriti fit-

⁵⁴ Id-DĠ Soċjetà Informatika u Media: ERAnets - "Evaluation of Networks of Collaboration among participants in IST research and their evolution to collaborations in the European Research Area" (Rapport Finali), 2005; "Evaluation of progress towards a European Research Area for information society technologies", 2005; "Networks of innovation in information society development and deployment in Europe", 2006.

⁵⁵ Id-DĠ Soċjetà Informatika u Media: "Framework contract for Impact Assessments for research in the field of Information Society Technologies".

⁵⁶ EURAB, "Recommendations on *Ex-Post* Impact Assessment", Lulju 2007.

⁵⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, "Evalwazzjoni fuq Ħames Snin tal-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka ta' l-Unjoni Ewropea, 1999-2003". Rapport tal-Bord ta' l-Esperti Indipendenti mmexxi minn Erkki Ormala (il-15 ta' Diċembru 2004), l-Anness 1.

termini ta' referenza. Hawn minn dawn l-isfidi ma setgħux ikunu eżaminati, minħabba n-nuqqas ta' studji xierqa mwettqa mill- (jew f'isem il-) Kummissjoni minn qabel u l-impossibbiltà li l-membri tal-panel jikkummissjonaw tali studji f'fin adegwat (ara l-**Istampa 7**).

Stampa 7 - Indirizzati l-mistoqsijiet dwar l-evalwazzjoni fl-evalwazzjonijiet fuq ħames snin ta' l-2004

	Mistoqsija dwar l-evalwazzjoni	Indirizzata fir-rapport?
IMPLIMENTAZZJONI	L-attivitajiet twettqu b'mod effiċjenti?	parzjalment
	L-attivitajiet kienu effettivi b'relazzjoni ma' l-ispejjeż?	parzjalment
	L-attivitajiet kienu l-aħjar mod kif setgħu jinkisbu l-oġettivi stabbiliti?	le
	Il-qafas legali ġenerali (inklużi r-regoli għall-parteċipazzjoni u l-kuntratti), strumenti ta' politika u l-modalitajiet għall-implimentazzjoni kienu ċari, xierqa u effettivi?	le
	Il-livell ta' finanzjament u r-żorsu oħra disponibbli kienu adegwati?	le
	Il-komunitajiet industrijali u ta' r-riċerka mmirati, inklużi l-SMEs, setgħu jwieġbu b'mod xieraq?	iva
KISBIET	L-attivitajiet laħqu l-oġettivi rispettivi tagħhom u sa liema punt kien hemm riżultati mhux mistennija?	le
	X'inhuma r-riżultati prinċipali b'mod partikolari f'termini ta' prodotti xjentifiċi, teknoloġiċi, soċjo-ekonomiċi u ambjentali, f'termini ta' koperazzjoni internazzjonali, trasferiment ta' tagħrif u innovazzjoni, attivitajiet pre-normattivi, aċċessibbiltà, tixrid u qbid ta' r-riċerka, żvilupp tar-riżorsu umani, mobilità u taħrif, u f'termini ta' sostenn u tisħiħ tal-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' r-riċerka?	le
	Ir-riżultati u l-effetti u l-impatti tagħhom kienu globalment sodisfaċenti mill-perspettiva tal-benefiċjarji u l-partijiet interessati diretti jew indiretti?	le
	Il-komunitajiet industrijali u ta' r-riċerka rilevanti, inklużi l-SMEs, kienu indirizzati b'mod sodisfaċenti?	iva
	Kif u safejn l-attivitajiet ikkontribwew għal kompetittività mtejba fir-riċerka ta' l-UE fil-livell internazzjonali? Ir-riċerka ta' l-UE laħqet it-tmexxija f'oqsma speċifiċi?	parzjalment
	Kif u safejn l-attivitajiet ikkontribwew għal politiki ta' l-UE b'mod ġenerali u għall-istrateġija ta' l-UE ta' żvilupp sostenibbli?	le
	Hemm provi ta' bidla strutturali, inkluża b'mod partikolari l-ħidma bin-netwerk, integrazzjoni u koordinazzjoni ta' r-riċerka, f'livell nazzjonali jew internazzjonali bħala riżultat ta' attivitajiet ta' r-riċerka tal-Komunità?	le
Il-programmi taw valur għall-flus? L-attivitajiet kellhom impatti li jdumu?	le	
EVOLUZZJONI U PERSPETTIVI FUTURI	Kif evolwew il-Programmi ta' qafas f'termini ta' motivazzjonijiet, oġettivi, prijoritajiet tematiċi, bilanċ bejn prijoritajiet minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel u bejn r-riċerka fundamentali u applikata, strumenti, valur miżjud Ewropew u impatti oħra, b'mod partikolari fid-dawl tal-ħruġ tal-kunċett taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA), l-għanijiet ta' Liżbona u standards ekonomiċi u tar-riċerka prinċipali internazzjonali?	iva
	Il-Programm ta' Qafas kif kiseb il-valur miżjud Ewropew?	iva
	Il-valur miżjud Ewropew jista' jinkiseb permezz ta' mekkaniżmi oħra internazzjonali jew nazzjonali?	le
	L-oġettivi, prijoritajiet, strumenti u c-ċiklu tal-ħajja tal-programmi huma xierqa għall-ġejjieni?	iva

87. Barra dan, huwa nnutat li għal dawk l-aspetti biss fejn oġettivi ċari u kwantifikabbli kienu definiti fil-programmi (bħas-sehem ta' l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju li kienu qegħdin jipparteċipaw), il-membri tal-panel setgħu jwieġbu għall-mistoqsijiet speċifikati fit-termini ta' referenza.

Evalwazzjonijiet mwettqa fil-livell nazzjonali għall-Programmi Qafas

88. Bosta Stati Membri u pajjiżi assoċjati jwettqu l-evalwazzjonijiet nazzjonali tagħhom stess dwar il-FPs, li jindirizzaw mistoqsijiet rilevanti u interessanti mill-perspettiva tagħhom stess⁵⁸. Fl-aħħar 8 snin, 14-il studju ta' din ix-xorta kienu prodotti għal 9 Stati Membri u pajjiż wieħed assoċjat.

89. Filwaqt li l-Kummissjoni ħeġġet approċċi standardizzati fejn dan kien possibbli, dawn l-istudji ta' impatt nazzjonali huma eteroġeni ħafna⁵⁹. B'riżultat ta' dan, peress li ma jsegwux metodoloġija armonizzata, il-possibbiltajiet għall-aggregazzjoni, taħlit jew tqabbil ta' riżultati huma limitati. Barra minn hekk, minħabba l-karattru nazzjonali tagħhom, dawn l-istudji jistgħu jaqdbu biss parti tad-dimensjoni koperattiva Ewropea.

90. Fil-"Green paper" ta' l-ERA għall-2007 il-Kummissjoni argumentat li kien importanti li analiżi preċiżi jkunu disponibbli fil-livell ta' l-ERA dwar l-impatt u l-effettività ta' attivitajiet u politiki tar-riċerka, inklużi dawk ta' l-Istati Membri u ta' l-UE. Irrikonoxxiet ukoll li l-arranġamenti kurrenti ma kinux adegwati biex jindirizzaw din l-isfida għax kull livell ta' intervenzjoni wettaq evalwazzjonijiet separatament mill-oħrajn⁶⁰.

⁵⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, "The impact of EC R&D policy on the European science and technology community; National impact studies synthesis final report" (1995).

⁵⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, Tfassil ta' metodoloġija ta' studju dwar l-impatt armonizzat għall-Programmi Qafas ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp, 1992.

⁶⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' ħidma tal-persunal, "Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: perspettivi ġodda", SEC(2007) 412/2, l-4 ta' April 2007, it-taqsim 3.3.3, ERA u l-implikazzjonijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni bbażati fuq l-evidenza, p. 93.

Rakkomandazzjonijiet

91. Il-Kummissjoni għandha tfassal manwal għall-evalwazzjoni ta' attivitajiet iffinanzjati mill-Programmi Qafas, li jagħti definizzjonijiet ta' kunċetti ewlenija u terminoloġija u li jidentifika l-firxa ta' metodoloġiji xierqa għal ċerti attivitajiet ta' evalwazzjoni. Dan il-manwal għandu jkun ibbażat fuq gwidi u programmi eżistenti u għandu jkun aġġornat fuq bażi regolari.
92. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-informazzjoni li teħtieġ, filwaqt li tiegħu kont tal-ħtieġa li tillimita l-piż amministrattiv fuq il-parteċipanti.
93. Il-Kummissjoni għandha tagħti informazzjoni ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas b'mod imwaqqat. Kif meħtieġ mir-"Regoli għall-Parteċipazzjoni" tas-Seba' Programm Qafas, problemi dwar is-sistemi ta' l-IT tal-Kummissjoni li jamministraw id-dejta fuq it-treġġja tal-programmi u l-parteċipanti għandhom ikun indirizzati b'mod urġenti.
94. L-obbligi ta' rappurtar tal-parteċipanti lejn il-Kummissjoni għandhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti u l-istħarriġ għandu jitwettag fuq bażi ta' kampjun biss. Ir-rekwiżit kuntrattwali biex wieħed jippreżenta dejta dwar l-impatt ibbażata fuq l-indikatur għal kull proġett għandu jkun sostitwit bi stima personali malli jitlesta l-proġett.
95. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu aktar estensiv għall-evalwazzjonijiet tagħha ta' sorsi komplementari eżistenti ta' dejta relevanti (kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll fl-Istati Membri).
96. Il-Kummissjoni għandha tuża l-firxa sħiħa ta' tekniki ta' evalwazzjoni disponibbli. Barra dan, għandha ssostni l-iżvilupp ta' approċċi innovattivi biex tindirizza d-diffikultajiet metodoloġiċi inerenti għall-evalwazzjoni ta' l-intervenzjoni pubblika fir-riċerka (ara l-**Annex 1**) u tuża dawn l-approċċi fl-evalwazzjonijiet tagħha stess.
97. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' l-Istati Membri dwar kif għandha tisfrutta sa l-aħħar il-benefiċċji ta' l-evalwazzjonijiet tal-Programmi Qafas fil-livell nazzjonali.

Tixrid u użu tas-sejbiet ta' evalwazzjoni

98. L-evalwazzjoni għandha tagħti informazzjoni u analiżi rilevanti li jistgħu jintużaw b'mod effettiv għat-treġija ta' programmi u għat-tiswir ta' politika. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tagħti bażi għar-riflessjoni infurmata dwar il-punti tajbin u l-punti dgħajfin ta' intervenzjoni pubblika li tinħtieġ sabiex isir it-tagħlim. Il-Qorti ċċekkja safejn l-evalwazzjonijiet twaqqtu tajjeb, is-sejbiet kienu kkomunikati u mifruxa lill-partijiet interessati barra l-Kummissjoni u ttieħed kont ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni għal reviżjoni ta' programmi kontinwi ("programmi ta' tagħlim").

It-twaqqit ta' evalwazzjonijiet ma f'ax kont tat-tip ta' informazzjoni li wieħed seta' jistenna b'mod realistiku

99. Il-Qorti tirrikonoxxi li ċerti tipi ta' analiżi jeħtieġu perspettiva fuq perijodu fit-tul (eż. l-evalwazzjoni ta' eżiti u impatti soċjo-ekonomiċi) u li xi aspetti huma relatati ma' perijodu ta' programmar speċifiku (eż. objettivi tal-programm, saħansitra fi f'ndan qasam xjentifiku partikolari), filwaqt li oħrajn le (ara l-***l-stampa 8***). Madankollu, il-Kummissjoni m'addottatx approċċ fl-attivitajiet tagħha ta' evalwazzjoni li jieħu kont ta' dawn l-iskadenzi.

100. Il-leġiżlazzjoni talbet lill-attivitajiet ewlenija ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni jiffukaw b'mod esklussiv fuq il-ħames snin li ġew qabel l-evalwazzjonijiet fuq ħames snin u b'hekk ikopru partijiet minn żewġ perijodi ta' programmar suċċessivi. Riżultat ta' dan, eżiti u impatti fuq perijodi medji u fit-tul bilkemm ġew indirizzati. Konsegwenza ta' dan, l-evalwazzjonijiet fuq ħames snin ġeneralment iffukaw l-aktar fuq aspetti ta' monitoraġġ, kwistjonijiet ta' tfassil ta' programmi fuq perijodu qasir u osservazzjonijiet ġenerali dwar l-orjentazzjoni tal-Programmi Qafas. Il-Qorti tilqa' l-fatt li l-leġiżlazzjoni tas-Seba' Programm Qafas m'għadhiex teħtieġ evalwazzjonijiet fuq ħames snin, jew kwalunkwe perijodu ieħor ta' kopertura pre-definit.

Stampa 8 - Kwistjonijiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni skond l-iskadenzi

	Eżempji ta' kwistjonijiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-Programmi Qafas
Monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-programm (kontinwu)	<ul style="list-style-type: none"> ➤ <u>Kwistjonijiet dwar it-treġija ta' programmi</u> (eż. żmien biex isir il-kuntratt, żmien biex jitwettaq il-pagament, rati ta' sottoskrizzjoni u ta' suċċess, eżekuzzjoni tal-baġit, rati ta' finanzjament, eċċ.)
Evalwazzjoni Fuq perijodu ta' żmien qasir (eżempju, l-aktar kmieni wara sena sa sentejn)	<ul style="list-style-type: none"> ➤ <u>Kwistjonijiet dwar it-treġija ta' programmi</u> (eż. effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi) ➤ <u>Kwistjonijiet dwar tfassil ta' programmi</u> (eż. aċċessibbiltà u flessibbiltà ta' strumenti, xkiel għall-parteċipazzjoni, implikazzjonijiet għal nuqqas ta' suċċess f' sejħiet għal propositi, eċċ.) ➤ <u>Analiżi ta' profil tal-parteċipazzjoni</u> (prinċipalment kwantitattiva f'dan l-istadju)
Evalwazzjoni Fuq perijodu ta' żmien medju (eżempju, wara 7 snin)	<ul style="list-style-type: none"> ➤ <u>Kwistjonijiet dwar tfassil ta' programmi</u> (eż. effettività ta' strumenti) ➤ <u>Analiżi tal-parteċipazzjoni</u>, (li tħallat aspetti kwalitattivi u kwantitattivi, eż. analiżi tan-netwerks tar-riċerka, impatti fuq l-impjega tar-riċerkaturi, eċċ.) ➤ <u>Analiżi tal-prodotti ta' proġetti</u> (eż. pubblikazzjonijiet, dokumenti, privattivi, liċenzji, prototipi, xjenzati mħarrġa, eċċ.)
Evalwazzjoni Fuq perijodu ta' żmien twil (eżempju, wara aktar minn 10 snin)	<ul style="list-style-type: none"> ➤ <u>Evalwazzjoni ta' riżultati u impatti</u>

Sors: Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.

(*) Għandu jkun innutat li akkordji ta' għotja għal proġetti huma ffirmati matul il-perijodu ta' programmar, l-ewwel akkordji ġeneralment jġu fis-seħħ fi tmiem l-ewwel sena ta' programm. Il-perijodu ta' żmien ta' dawn l-akkordji huwa fil-biċċa l-kbira bejn tliet snin u ħames snin, riżultat ta' dan wieħed jista' jistenna li l-prodotti finali jaslu wara perijodu ta' bejn erba' sa sitt snin.

101. In-nuqqasijiet ta' l-evalwazzjonijiet fuq ħames snin li jevalwaw ir-riżultati u l-impatti tal-Programmi Qafas kien innutat ukoll mill-esperti tal-Kummissjoni:

- il-panel ta' l-2004 innota li l-evalwazzjoni għandha tkopri u tagħti biżżejjed attenzjoni għal kwistjonijiet fuq perijodi ta' żmien kemm twal kif ukoll qosra u li r-riżorsi jistgħu jkunu meħlusa biex jippermettu studji ta' evalwazzjoni aktar ambizzjużi fuq perijodu ta' żmien twil li jkunu jistgħu jesploraw il-kwistjonijiet strutturali u soċjo-ekonomiċi aktar wiesgħa b'mod aktar sistematiku⁶¹.
- studju kkummissjonat mid-DĠ Riċerka sab illi prattiċi kurrenti ta' evalwazzjoni tar-Riċerka u l-Iżvilupp ta' l-UE (li jinvolvu monitoraġġ kontinwu, evalwazzjonijiet fuq ħames snin u evalwazzjoni ta' nofs it-terminu) huma kkaratterizzati minn fokus qawwi fuq il-monitoraġġ meta mqabbel ma' l-evalwazzjoni ta' l-impatt u, sabiex ikun hemm ċaqliq tat-talba u ta' l-aspettattiva lejn l-impatt soċjo-ekonomiku, ikunu jinħtieġu evalwazzjoni u qafas ta'

⁶¹ Il-Kummissjoni Ewropea, "Evalwazzjoni fuq Ħames Snin tal-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka ta' l-Unjoni Ewropea, 1999-2003", Rapport tal-Bord ta' l-Esperti Indipendenti mmexxi minn Erkki Ormala (il-15 ta' Diċembru 2004): It-Taqsima 6 "L-Evalwazzjoni tal-Programm ta' Qafas", p. 19.

monitoraġġ ġodda li jobbligaw sforz akbar fil-livell ta' l-impatt aktar milli l-monitoraġġ tal-prodotti⁶².

102. Il-kwistjoni ta' twaqqit tolqot ukoll evalwazzjonijiet speċifiċi meħtieġa mill-leġiżlazzjoni. Per eżempju, ir-rapport Marimón għall-2004, li analizza l-istrumenti ġodda mdaħħla fis-Sitt Programm Qafas (2003-2006), intalab kmieni wisq, u b'riżultat ta' dan, kien hemm ftit li xejn esperjenza Prattika u provi empiriċi li fuqhom wieħed seta' jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu⁶³.

Komunikazzjoni u tixrid

103. Waħidha, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa u tadatta programmi ta' ħidma operazzjonali skond ċikli ta' perijodi qosra, soġġetti għal approvazzjoni mill-kumitat ta' programm relevanti. Dan jista' jirrapreżenta opportunità biex isiru aġġustamenti għat-treġġja ta' programm, u wkoll għal allokkazzjonijiet mill-ġdid ta' baġits fi ħdan is-sub-programmi. Ma nstabet l-ebda prova li l-Kummissjoni tagħmel użu minn din il-possibbiltà (ara l-paragrafu 107).

104. Barra minn hekk, minħabba l-mod kif il-Programmi Qafas huma mfassla u adottati, huwa kważi impossibbli għall-Kummissjoni biex hi tagħmel bidliet sinifikanti, bħal modifikazzjonijiet ta' objettivi tal-programmi jew l-allokkazzjoni mill-ġdid ta' baġits bejn sub-programmi. Il-leġiżlatur biss jista' jippromulga tali modifikazzjonijiet fuq firxa wiesgħa matul reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas (bħal fl-2010 għas-Seba' Programm Qafas) jew l-adozzjoni tal-Programm Qafas sussegwenti. Għal din ir-raġuni, il-leġiżlazzjoni tipikament stipulat li l-eżerċizzji ewlenija ta' evalwazzjoni għandhom jitwaqqtu sabiex ikun jista' jittieħed kont tar-riżultati tagħhom b'mod siewi ħafna għat-tiswir tal-politika.

⁶² Il-Kummissjoni Ewropea, "Evaluation Toolbox - Assessing the Socio-Economic Impact of RTD Policies", , l-hekk imsejjaħ "EPUB Toolbox" editjat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) - L-Istitut ta' l-Istudji Teknoloġiċi Prospettivi (IPTS) u Joanneum Research (Awwissu 2002), Sommarju Eżekuttiv, p. 9 u 12.

⁶³ Il-Kummissjoni Ewropea, Evalwazzjoni ta' l-Effettività ta' l-Istrumenti Ġodda tas-Sitt Programm ta' Qafas, il-21 ta' Ġunju 2004, Rapport ta' Panel ta' Esperti Indipendenti mmexxi mill-Professor Ramon Marimón, p. 20.

105. Għalhekk, xi wħud mill-utenti ewlenija ta' l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni huma d-"DGs Riċerka" infushom⁶⁴. Madankollu, il-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas teħtieġ ukoll b'mod espliċitu li l-evalwazzjonijiet ikunu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.


106. Fl-istħarriġ tal-Qorti dwar il-kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew u l-kumitat CREST tal-Kunsill, il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu, madankollu, indikaw li ma ħassewhomx infurmati biżżejjed dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programmi Qafas (ara l-***Istampa 9***)⁶⁵.

⁶⁴ Konsorzju Ewropew għall-Evalwazzjoni tal-Politika (EPEC), Technopolis Franza, Studju dwar l-użu tar-riżultati ta' evalwazzjonijiet fil-Kummissjoni: , Id-Dossier Nru 1 Rapport ta' sintesi u annessi, Mejju 2005.

⁶⁵ Il-livell ogħla ta' sodisfazzjon irrapurtat minn dawk li wieġbu mill-CREST, li spiss ikunu wkoll membri ta' Kumitati ta' Programmi, jista' jkun minħabba r-rwol formali tagħhom fil-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' programmi.

Stampa 9 - Perċezzjoni tal-partijiet interessati - sodisfazzjon bl-informazzjoni rċevuta

Taħseb illi...



Sors: stħarriġ ta' I-ECA 2007.

Segwitu tas-sejbiet ta' evalwazzjoni

107. Fir-Reviżjonijiet ta' l-Evalwazzjoni Annwali tagħha, il-Kummissjoni tipprovdi sommarju tas-sejbiet u l-azzjonijiet meħuda bħala riżultat ta' l-evalwazzjonijiet tagħha⁶⁶. Rigward is-segwitu, il-Kummissjoni tat ukoll tweġibiet formali għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet ta' l-evalwazzjoni fuq ħames snin u għall-evalwazzjonijiet speċifiċi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni u, safejn possibbli, ħadet miżuri xierqa biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati hemmhekk. Dan, madankollu, ma kienx il-każ għal ħafna mir-rapporti l-oħra ta' evalwazzjoni rreveduti u ma nstabet l-ebda prova li kien qiegħed jittieħed kont tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom għal emendi fil-programmi ta' ħidma. Bl-istess mod, ir-rendikonti baġitarji ABB tad-DĠs u r-Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom ma jindikawx safejn ittieħdet azzjoni fuq is-sejbiet ta' l-evalwazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet

108. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi t-tip u l-ambitu ta' evalwazzjoni li wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli għad-dati speċifikati fil-leġiżlazzjoni (2008, 2010 u 2015), tfiehem kif l-evalwazzjonijiet jistgħu jintużaw biex il-programmi ("programmi ta' tagħlim") ikunu adattati u tispeċifika x'kontribuzzjoni jistgħu jagħtu l-evalwazzjonijiet lil deċiżjonijiet ta' politika. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiċċara l-approċċ intiż tagħha fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tar-riżultati fuq perijodu itwal ta' Programmi Qafas tal-passat u tal-preżent, minħabba li tali riżultati jistgħu jieħdu bejn 7 u 10 snin biex jitwettqu (ara l-***Istampa 8***).

109. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-prattika tagħha dwar il-komunikazzjoni u t-tixrid tas-sejbiet ta' evalwazzjoni biex tiżgura li l-partijiet interessati jirċievu l-informazzjoni meħtieġa. B'mod partikolari, id-"DĠs Riċerka" għandhom jagħtu tweġiba formali għall-evalwazzjonijiet kollha u jagħmlu dawn l-istudji pubbliċi fil-ħin, flimkien mat-tweġibiet tagħhom. Id-"DĠs Riċerka" għandhom ukoll jirrapportaw fir-rendikonti baġitarji ABB tagħhom u fir-Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom dwar is-segwitu mogħti u jagħmlu użu mir-rakkomandazzjonijiet meta jaġġornaw programmi ta' ħidma u jfasslu programmi futuri.

KONKLUŻJONI ĠENERALI

110. Il-Qorti tirrikonoxxi li l-evalwazzjoni ta' programmi tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, u b'mod partikolari l-evalwazzjoni tar-riżultati tagħhom fuq perijodu twil, hija diffiċli b'mod inerenti u huwa diffiċli biex wieħed jiddefinixxi l-añjar prattika.

111. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-evalwazzjoni hija essenzjali għat-treġġja ta' programm, għall-ippjanar għall-quddiem u għat-tiswir ta' politika. L-evalwazzjoni tagħti wkoll bażi għar-responsabbiltà. Hija tagħti informazzjoni ta' valur dwar liema riżultati intiżi (jew mhux intiżi) inkisbu, il-punt safejn inkisbu l-oġettivi tal-programmi, ir-relevanza u l-utilità tal-programmi u l-effiċjenza u l-effettività ta' l-implimentazzjoni tal-programmi. Peress li huwa l-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jiddeċiedu dwar l-orjentazzjoni ġenerali, affarijiet baġitarji u tfassil ta' programmi għall-Programmi Qafas, tinħtieġ sistema ta' evalwazzjoni trasparenti, kredibbli u robusta biex tagħtihom l-informazzjoni xierqa.

112. Il-Kummissjoni waqqfet qafas ta' evalwazzjoni ġenerali fl-2000 u fl-2002 u rrevedietu wara fl-2007. Għalkemm matul il-perijodu verifikat mill-Qorti ma kien osservat l-ebda titjib prinċipali fil-mod kif l-evalwazzjonijiet tal-Programmi Qafas u l-programmi kostitwenti tagħhom kienu ppjanati, mfasla u implimentati, f'termini ġenerali, id-"DĠs Riċerka" kkonformaw mar-rekwiżiti formali tal-Kummissjoni.

113. Għall-perijodu kopert minn dan ir-rapport, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas, id-"DĠs Riċerka" kellhom sistema ta' evalwazzjoni fis-seħħ u l-Kummissjoni tista' tirreferi għal ammont imdaqqas ta' studji ta' evalwazzjoni. Madankollu, jibqa' l-fatt li ftit li xejn huwa magħruf dwar il-kisba ta' oġettivi ta' programmi u r-riżultati tal-Programmi Qafas. Dan għaliex l-evalwazzjonijiet ġeneralment iffukaw fuq kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm ta' perijodu qasir. B'riżultat ta' dan, l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu ta' utilità limitata għal min jagħmel il-politika, għall-partijiet interessati u saħansitra għall-Kummissjoni nfisha.

⁶⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Reviżjoni ta' l-Evalwazzjoni Annwali 2004 – Farsa ġenerali lejn is-sejbiet u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni, SEC(2005) 587, it-28 ta' April 2005.

114. Minħabba l-importanza ta' l-evalwazzjoni għat-treġġja ta' programmi u t-tiswir ta' politika, l-approċċ tal-Kummissjoni lejn l-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas u tal-programmi kostitwenti tagħhom għandha tkun eżaminata mill-ġdid fid-dawl ta' sfidi politiċi ġodda, finanzjament miżjud, twessigħ ta' l-orjentazzjoni tal-politika tar-riċerka tal-Komunità u r-riforma reċenti tal-Kummissjoni. Dan kien ukoll irrakkomandat mill-EURAB fir-rapport tiegħu ta' l-2007.

115. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-użu ta' loġika ta' intervenzjoni espliċita fit-tfassil ta' programmi tal-Programmi Qafas futuri kieku jwassal għal programmi aktar iffukati u strutturati aħjar. Jikkontribwixxi wkoll għal politika ta' "regolament aħjar" tal-Kummissjoni, li timmira għal ambjent regolatorju mfassal aħjar, aktar sempliċi, aktar effettiv u mifhum aħjar⁶⁷.

116. L-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas u tal-programmi kostitwenti jkunu aktar effettivi kieku l-objettivi u l-indikaturi tal-programmi kienu aktar ċari mill-bidunett, kieku kien hemm ftehim dwar strateġija ta' evalwazzjoni robusta, iżda mhux preskrittiva żżejjed, mid-"DĠs Riċerka" li qegħdin jimplimentaw il-Programmi Qafas u kieku ntużaw metodoloġiji ta' evalwazzjoni aktar avvanzati, inklużi approċċi kwantitattivi.

117. Il-Qorti nnutat ukoll għadd ta' każijiet fejn hemm ambitu għall-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid l-arranġamenti organizzattivi eżistenti tagħha għall-evalwazzjoni tal-Programmi Qafas. Jista' jkun hemm vantaġġi jekk,

⁶⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Baġit, Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mis-Sinjura Grybauskaitė bi qbil mal-President, "Inwieġbu għall-bżonnijiet strateġiċi: rinforzar ta' l-użu ta' valutazzjoni ", SEC(2007) 213, 21 ta' Frar 2007, p. 4.

panels ta' evalwazzjoni jkunu involuti aktar kmieni fil-proċess ta' evalwazzjoni, u b'hekk jagħtu għajjnuna lill-Kummissjoni matul il-perijodu ta' programmar u lil hinn minnu u jżidu l-ispeċjalizzazzjoni billi jkun hemm panels għal programmi speċifiċi u, fejn xieraq, sub-programmi;

- L-unitajiet ta' evalwazzjoni speċifiċi għad-DĠ eżistenti jkunu supplimentati b'uffiċċju konġunt ta' evalwazzjoni inkarigat bil-koordinazzjoni ta' l-evalwazzjonijiet tal-Programm Qafas.

118. Ir-rakkomandazzjonijiet li hemm f'dan ir-rapport huma bbażati jew fuq prattiċi eżistenti fi ħdan il-Kummissjoni jew fuq prattika internazzjonali tajba. Fir-rigward ta' riżorsi, huwa ċar li d-daħla ta' l-approċċ suġġerit għall-evalwazzjoni tal-programmi tkun tinvolvi spejjeż ogħla. Madankollu, fl-opinjoni tal-Qorti, probabbilment li din se tipproduċi riżultat finali pożittiv ta' mill-anqas l-istess xorta.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-22 ta' Novembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert Weber
President

KEJL TA' L-IMPATT U TAR-RIŻULTATI TA' L-INTERVENZJONI PUBBLIKA FIR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP TEKNOLOĠIKU

Xi wħud mid-diffikultajiet metodoloġiċi ewlenija fil-kejl ta' l-impatt u tar-riżultati ta' l-intervenzjoni pubblika fir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku huma:

- **"problemi ta' attribuzzjoni"**: Problemi ta' attribuzzjoni huma ċari fl-evalwazzjonijiet u fil-kejl tal-prestazzjoni. Huma marbuta mill-qrib mal-mistoqsija dwar l-"addizzjonalità", li ssaqsi jekk bidliet ikunux seħħew xorta waħda. Id-diffikultà li wieħed jattribwixxi r-riżultati għal interventzjoni pubblika speċifika hija influwenzata wkoll minn għadd kbir ta' fatturi esterni (bħal effetti ta' politika jew programmi oħra, bidliet fil-qafas legali, bidliet fis-soċjetà eċċ.). Barra minn hekk, fir-riċerka, il-fatt li wieħed ma jiksibx ir-riżultati mistennija jista' jkun ukoll suċċess. Kumplikazzjoni oħra hija d-diffikultà apparenti li wieħed jattribwixxi prodotti tar-riċerka, biex ma nsemmux eżiti u impatti, għal aspetti speċifiċi tal-proċess tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, jew saħansitra għal entitajiet individwali involuti f'attività tar-riċerka.
- **"Problemi ta' kejl"**:
 - **"Disponibbiltà tad-dejta"**: B'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira tad-dejta disponibbli, partikolarment id-dejta miġbura permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ, hija fuq ir-riżorsi u l-prodotti ta' attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, aktar milli fuq l-eżiti jew l-impatti.
 - **"Fehma tad-dinamiċi"**: Minħabba d-diffikultà apparenti biex wieħed jimmodella r-relazzjonijiet kawżali bejn ir-riżorsi u l-prodotti, il-ħidma interna tal-proċess tar-riċerka mhix ċara, u fl-assenza ta' loġika ta' interventzjoni espliċita, il-proċess innifsu huwa kkunsidrat l-aktar bħala "kaxxa sewda".

- **"Komparabilità tar-riżultati"**: il-punt safejn jista' jsir paragon tar-riżultati bejn oqsma xjentifiċi differenti huwa limitat, b'tali mod li dawn ġeneralment għandhom ikunu interpretati fil-kuntest ta' programmi speċifiċi u sub-programmi. Minbarra dan, l-evalwazzjoni tar-riżultati hija aktar diffiċli għar-riċerka bażika (jew fundamentali), milli għar-riċerka applikata jew għall-iżvilupp teknoloġiku. Ir-raġuni ewlenija għal dan huwa l-fatt li r-riċerka bażika hija ġeneralment magħmula minn proċeduri uniċi li mhumiex replikabbli. Saħansitra fil-qasam tar-riċerka applikata, ir-riżultati jvarjaw b'mod konsiderevoli u għalhekk ma jistgħux jitqabblu faċilment.
- **"Aggregazzjoni"**: Il-wasla għal konklużjoni minn riżultati ta' l-evalwazzjoni f'termini ta' prodotti, eżiti u impatti miksuba fil-livell aktar baxx toħloq problemi (per eżempju waqt l-aggregazzjoni tar-riżultati tal-proġett, l-ewwel għal gruppi ta' proġetti, u mbagħad għal setturi fi ħdan programm u fl-aħħar fil-livell tal-programm innifsu).
- **"Adegwatezza ta' indikaturi"**: Mistoqsija oħra hija jekk l-evalwaturi humiex qegħdin ikejlu l-ħaġa t-tajba. Il-metriċi għandhom ikunu faċli biex jitkejlu, diffiċli biex ikunu manipulati u għandhom jistimulaw l-imġiba korretta. Madankollu, indikatur "miżurabbli" għal prodott mhux bilfors jippermetti konklużjonijiet dwar l-eżiti jew l-impatti li għandhom jinkisbu.
- **"Problemi ta' twaqqit"**: Xkiel ieħor huwa d-differenza konsiderevoli fiż-żmien bejn l-attività ta' riċerka u l-ġenerazzjoni ta' prodotti u eżiti, sabiex l-impatt jista' jkun evalwat. Id-dejta trid tinġabar fuq perijodu ta' żmien twil sabiex ikunu jistgħu jinkisbu konklużjonijiet sinifikanti u robusti. Tali skali ta' żmien għall-evalwazzjoni spiss mhumiex konsistenti ma' l-aspettattivi u l-ħtiġijiet ta' min jagħmel il-politika, u għandha ssir korrelazzjoni bejn it-twassil bikri tat-tiswir ta' politika u l-konċessjoni ta' ħin adegwat biex joħroġu l-effetti.

- **"Il-fallaċja ta' proġett"**: I-evalwazzjoni ta' eżiti u ta' impatti ta' proġetti individwali fi ħdan programm trid tiegħu kont tad-dilemma li r-riżultati teknoloġiċi u xjentifiċi s-soltu nkisbu bl-użu ta' xogħol preċedenti. B'mod simili, qabel ma jsejtn il-pubblikazzjoni u l-isfruttar tar-riżultati xjentifiċi, ir-riżultati tal-proġett jistgħu jintużaw għal xogħol ieħor mill-parteċipant. Għalhekk, proġett fih innifsu mhux bilfors il-qafas ta' evalwazzjoni xieraq, b'mod partikolari għal eżiti u impatti fuq terminu ta' żmien itwal.
- **"Kredibbiltà, integrità u indipendenza"**: Il-kwalità ta' evalwazzjoni tiddependi l-parti l-kbira fuq il-livell ta' impenn li l-evalwaturi jkollhom lejn is-suġġett, li tinvolvi korrelazzjoni bejn il-fehma u l-kompetenza minn banda waħda, u l-indipendenza u l-oġġettività mill-banda l-oħra. Tiddependi wkoll mis-suppożizzjonijiet u l-interessi ta' min jagħmel il-politika u mir-raġunijiet u l-iskopijiet ta' l-evalwazzjoni.

ANNEX 2

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI F'DEĊIŻJONIJIET LEĠIŻLATTIVI GĦAR-RABA' PROGRAMM QAFAS SAS-SEBA' PROGRAMM QAFAS

FP 4 (1995 sa 1998) ¹	FP 5 (1999 sa 2002) ²	FP 6 (2003 sa 2006) ³	FP 7 (2007 sa 2013) ⁴
Deċiżjoni dwar il-programm qafas - il-Kunsill u l-Parlament Ewropew			
<p>Id-Deċiżjoni Nru 1110/1994/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 rigward ir-raba' programm qafas (1994 sa 1998) fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Artikolu 4</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrarzjoni (1998 sa 2002): L-Artikoli 5 u 6</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrarzjoni, li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (2002 sa 2006): premissa (20), l-Artikoli 4 u 6, l-Anness III</p>	<p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-seba' programm qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrarzjoni (2007 sa 2013): l-Artikolu 7</p>
Monitoraġġ			
<p>li <u>tissorvelja</u> kontinwament u <u>sistematikament</u>, bl-għajjnuna xierqa minn esperti esterni indipendenti, il-progress b'relazżjoni ma' l-oġġettivi inizjali tagħha (l-Artikolu 4(1))</p>	<p><u>tissorvelja</u> kontinwament u b'mod <u>sistematiku</u> kull sena, bl-għajjnuna ta' esperti kwalifikati indipendenti, l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu fid-dawl tal-kriterji speċifikati fl-Anness I u l-oġġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi speċifikati fl-Anness II (l-Artikolu 5(1))</p>	<p><u>tissorvelja</u> kontinwament u b'mod <u>sistematiku</u> [kull sena] bl-għajjnuna ta' esperti kwalifikati indipendenti, l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu (l-Artikolu 4 u 6(1))</p>	<p><u>kontinwament</u> u <u>sistematikament</u> <u>timmonitorja</u> l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu (l-Artikolu 7(1))</p>
	<p>tevalwa jekk l-oġġettivi, prijoritajiet u riżorsi finanzjarji għadhomx xierqa għas-sitwazzjoni li qiegħda tinbidel, u jekk le tippreżenta proposti dwar kif tadatta jew tissupplimenta l-Programm Qafas u/jew il-programmi speċifiċi (l-Artikolu 5(1))</p>	<p>tirrevedi l-attivitajiet ta' riċerka kollha regolament u dan jinkludi, b'mod partikolari, il-monitoraġġ tal-livell ta' eċċellenza fir-riċerka (l-Anness III, 1. Strumenti)</p>	
			<p>regolarment tirrapporta u xxerred ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ (l-Artikolu 7(1))</p>

L-Artikolu 173 - Rapport annwali			
		tirraporta fid-dettall il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Programm Qafas, u b'mod partikolari l-progress lejn l-oġġettivi tiegħu u l-kisba tal-prijoritajiet imniżżla taħt kull intestatura ta' l-Anness I; inklużi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji u l-użu ta' l-istrumenti fil-kuntest tar-rapport annwali li għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni <u>skond l-Artikolu 173 tat-Trattat</u> (l-Artikolu 4)	
Evalwazzjoni interim			
	tirrevedi l-progress fil-programm <u>f'nofs it-terminu tal-Programm Qafas</u> (l-Artikolu 6) tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill abbażi ta' l-evalwazzjonijiet tal-programmi speċifiċi varji, <u>komunikazzjoni</u> flimkien ma', jekk hu xieraq, proposta għall-adattazzjoni ta' din id-Deċiżjoni (l-Artikolu 6)		<u>sa l-2010, twestaq</u> , bl-għajjnuna ta' esperti esterni, <u>evalwazzjoni interim ibbażata fuq l-evidenza</u> ta' dan il-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi tiegħu filwaqt li tibni fuq l-evalwazzjoni <i>ex-post</i> tal-Programm Qafas preċedenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri b'mod partikolari l-kwalità ta' l-attivitajiet ta' riċerka eżistenti, il-kwalità ta' l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni, u l-progress li sar lejn il-kisba ta' l-oġġettivi stabbiliti (l-Artikolu 7(2)) <u>tikkomunika</u> l-konklużjonijiet ta' dan, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha u, fejn xieraq, proposti għall-adattament tal-Programm Kwadru, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (l-Artikolu 7(2))
	<u>regolarment tinforma</u> lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <u>dwar il-progress ġenerali</u> ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas u l-programmi speċifiċi (l-Artikolu 5(4))	tissottometti <u>rapporti ta' progress regolari</u> lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas (il-premessa (20))	tippreżenta <u>rapport dwar il-progress</u> (li tippreċiedi l-evalwazzjoni interim) <u>hekk kif tkun disponibbli dejta biżżejjed</u> , fejn jingħataw ir-riżultati inizjali dwar l-effikaċja ta' l-azzjonijiet il-ġodda mibdija taħt is-Seba' Programm

			Qafas u l-isforzi magħmula fir-rigward tas-simplifikazzjoni (l-Artikolu 7(2))
		fl-2004 issawwar evalwazzjoni minn esperti indipendenti dwar l-effiċjenza ta' kull wieħed mill-istrumenti fl-eżekuzzjoni ta' dan il-programm (l-Anness III, 1. Strumenti)	
Evalwazzjoni fuq perijodu ta' ħames snin (5YA)			
tordna evalwazzjoni esterna minn esperti kwalifikati ħafna ta' l-amministrazzjoni u l-progress ta' l-attivitajiet tal-Komunità <u>matul il-ħames snin ta' qabel dik ta' l-evalwazzjoni</u> (l-Artikolu 4(2))	tordna evalwazzjoni esterna minn esperti kwalifikati ħafna ta' l-implimentazzjoni u l-kisbiet ta' l-attivitajiet tal-Komunità <u>matul il-ħames snin ta' qabel dik ta' l-evalwazzjoni</u> fid-dawl tal-kriterji speċifikati fl-Anness I u l-oġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi speċifikati fl-Anness II (l-Artikolu 5(2))	tordna evalwazzjoni esterna minn esperti kwalifikati ħafna ta' l-implimentazzjoni u l-kisbiet ta' l-attivitajiet tal-Komunità <u>matul il-ħames snin ta' qabel dik ta' l-evalwazzjoni</u> (l-Artikolu 6(2)) (rispettivament ta' l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet li jkunu saru, waqt li tittieħed in konsiderazzjoni l-kontribuzzjoni tas-Sitt Programm Qafas għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (il-premessa (20))	
<u>tikkomunika</u> l-evalwazzjoni, akkumpanjata mill-kummenti tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <u>gabel ma tissottometti l-proposta taqħha għall-Programm Qafas li jmiss</u> (l-Artikolu 4(2))	<u>tikkomunika</u> l-evalwazzjoni, akkumpanjata mill-kummenti tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni <u>gabel ma tissottometti l-proposta taqħha għall-Programm Qafas li jmiss</u> (l-Artikolu 5(2))	<u>tikkomunika</u> l-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni, akkumpanjati mill-kummenti tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat Tar-Regġuni (l-Artikolu 6.2) fi żmien xieraq u <u>gabel ma tissottometti l-proposta taqħha għall-Programm Qafas li jmiss</u> (il-premessa (20))	
Evalwazzjoni finali			
[ara d-Deċiżjoni Speċifika dwar Programm]			taqħmel <u>evalwazzjoni esterna sentejn wara t-tlestija tas-Seba' Programm Qafas (iġifieri 2015)</u> minn esperti indipendenti tal-motivazzjonijiet, l-implimentazzjoni u l-kisbiet tiegħu (l-Artikolu 7(3)) <u>tikkomunika</u> l-konklużjonijiet ta' dan, flimkien ma' l-osservazzjonijiet taqħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni (l-Artikolu 7(3))

Esperti indipendenti			
	<p>tiżgura, fl-<u>għażla ta' l-esperti indipendenti</u>, li jittieħed kont, b'mod bilanċjat, ta' komunitajiet xjentifiċi, industrijatli u utenti differenti u tippubblika l-ismijiet ta' esperti u tal-kwalifiki tagħhom individwali wara l-ħatra tagħhom (l-Artikolu 5(3))</p> <p>[għal dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-esperti indipendenti ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/65/KE, l-Artikolu 9]</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha taħtar esperti indipendenti biex jgħinu fl-evalwazzjoni meħtieġa taħt is-Sitt Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi, u għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 10(6) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1).</p> <p>Tista' ukoll twaqqaf gruppi ta' esperti indipendenti biex jagħtu parir fuq l-implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità dwar ir-riċerka.</p> <p>[għal dispożizzjonijiet dwar esperti indipendenti ara r-Regolament (KE) Nru 2321/2002, l-Artikolu 11]</p>	
Eżempju ta' Deċiżjoni speċifika dwar programm - il-Kunsill			
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/801/KE tat-23 ta' Novembru 1994: L-Artikolu 4	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/168/KE tal-25 ta' Jannar 1999: I-Artikolu 4 u 6	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE u 2002(835)/KE tat-30 ta' Settembru 2002 - I-Artikolu 8	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Koperazzjoni": L-Artikolu 8
Monitoraġġ			
<p>li <u>tissorvelja kontinwament u sistematikament</u>, bl-għajnuna xierqa minn esperti esterni indipendenti, il-progress b'relazzjoni ma' l-oġettivi inizjali tagħha (l-Artikolu 4(1))</p>	<p><u>timmonitorja</u>, b'għajnuna xierqa minn esperti esterni indipendenti l-implimentazzjoni tal-programm speċifiku u, fejn hu xieraq, tissottometti proposti lill-Kunsill skond l-Artikolu 5.1 tad-Deċiżjoni tal-Fames Programm Qafas (l-Artikolu 4(a))</p>	<p>tqabbad esperti indipendenti sabiex iwettqu <u>monitoraġġ u evalwazzjoni indipendenti</u> skond l-Artikolu 6 tal-Programm Qafas fil-konfront ta' l-attivitajiet li jkun saru fl-oqsma li jaqgħu taħt il-programm speċifiku (l-Artikolu 8(2))</p>	<p>tagħmel arranġamenti għall-<u>kontroll, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni indipendenti</u> kif previst fl-Artikolu 7 tal-Programm Kwadru li għandhom isiru fir-rigward ta' l-attivitajiet imwettqa fl-oqsma koperti mill-programm speċifiku. (l-Artikolu 9)</p> <p><u>monitoraġġ ta' l-informazzjoni</u> li għandha tingħata lill-<u>Kumitat tal-Programm</u> skond l-Artikolu (4) mill-Kummissjoni huwa speċifikat fl-Anness V.</p>

L-Artikolu 173 - Rapport annwali			
		<u>tirrapporta</u> regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-programm speċifiku; u għandha tkun inkluża informazzjoni fuq l-aspetti finanzjari u dwar l-użu ta' l-istrumenti, b'mod konformi ma' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tas-Sitt Programm Qafas (l-Artikolu 8(1))	tinkludi kisbiet prinċipali [fir-rigward tal- <u>Faċilità finanziaria għall-gsim tar-riskju</u>] fir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku li hija se tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 173 tat-Trattat (l-Anness III).
Evalwazzjoni fuq perijodu ta' ħames snin (5YA)			
tordna evalwazzjoni esterna minn esperti kwalifikati indipendenti ta' l-attivitajiet imwettqa fi ħdan l-oqsma koperti mill-programm u l-amministrazzjoni tagħhom <u>matul il-ħames snin ta' qabel dik ta' l-evalwazzjoni</u> (l-Artikolu 4(2))	tagħmel arranġamenti għall-evalwazzjoni esterna indipendenti <u>kif previst fl-Artikolu 5(2)</u> tad-Deċiżjoni tal-Ħames Programm Qafas li għandhom isiru fir-rigward ta' l-attivitajiet imwettqa fl-oqsma koperti mill-programm speċifiku (l-Artikolu 4(b))		
Evalwazzjoni finali			
tagħti, wara t-tlestija ta' kull programm speċifiku, <u>evalwazzjoni finali</u> indipendenti tar-riżultati miksuba meta mqabbla ma' l-oġġettivi (l-Artikolu 4(3)) tgħaddi din l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (l-Artikolu 4(3))			
Esperti indipendenti			

	tfassal it-termini ta' referenza għall- evalwazzjoni esterna kif previst fl- Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Flames Programm Qafas (l-Artikolu 6(2))		
Informazzjoni bażika dwar l-istruttura tal-Programm Qafas			
ir-Raba' Programm Qafas (KE): 7 programmi speċifiċi li fihom 17 sub- programmi u żewġ gruppi ta' attivitajiet	il-Flames Programm Qafas (KE): 7 programmi speċifiċi, li minnhom 4 huma programmi tematiċi u 3 huma programmi orizzontali	is-Sitt Programm Qafas (KE): 20 programm, li minnhom 10 huma miġburin mill-ġdid skond 7 prijoritajiet tematiċi, u 4 programmi li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' riċerka transversali, fil-Programm speċifiku "Il- konċentrazzjoni u l-integrazzjoni tar- riċerka tal-Komunità". Il-Programm speċifiku "l-Istrutturar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" jirrapreżenta 4 programmi, u l-Programm speċifiku "It- tishiġ tal-pedamenti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" 2 programmi speċifiċi	is-Seba' Programm Qafas (KE): 24 sub-programm speċifiku, li minnhom 10 huma miġburin mill-ġdid fil-programm speċifiku "Koperazzjoni", wieħed għandu x'jaqsmu mal-programm speċifiku "Ideat", 2 sub-programmi għandhom x'jaqsmu mal-kategorija "Nies" u 8 sub-programmi għandhom x'jaqsmu mal-programm speċifiku "Kapaċitajiet". (wieħed minnhom huwa ddedikat għall-attivitajiet li mhumiex ta' natura nukleari tal-JRC)
Total tal-baġit (KE): 11 046 miljun euro (jiġifieri 2 761 miljun euro p.a.)	Total tal-baġit (KE): 13 700 miljun euro (jiġifieri 3 425 miljun euro p.a.; +24 %)	Total tal-baġit (KE): 16 270 miljun euro (jiġifieri 4 061 miljun euro p.a., +19 %) wara t-tkabbir ta' l-UE żdied għal Total tal-baġit (KE): 17 883 miljun euro (jiġifieri 4 447 miljun euro p.a.; +10 %)	Total tal-baġit (KE): 50 521 miljun euro (jiġifieri 7 217 miljun euro p.a.; +62 %)
7 Direttorati Ġenerali: Riċerka, Soċjetà Informatika, Enerġija, Trasport, Sajd, Agrikoltura, Intrapriża	5 Direttorati Ġenerali: RTD, Soċjetà Informatika, Enerġija u Trasport, Sajd, Intrapriża	4 Direttorati Ġenerali: RTD, Soċjetà Informatika, Enerġija u Trasport, Intrapriża	5 Direttorati Ġenerali: RTD, Soċjetà Informatika u Media, Enerġija u Trasport, Intrapriża u Industrijia, Ċentru Konġunt għar-Riċerka; barra minn hekk il-"Kunsill Ewropew tar-Riċerka" (ERC) u aġenziji eżekuttivi

-
- ¹ **FP4:** It-Teknoloġġi ta' I-Informatika u I-Komunikazzjonijiet (Teknoloġġi u Servizzi tal-Komunikazzjonijiet Avanzati (ACTS); Teknoloġġi ta' I-Informatika (ESPRIT); Applikazzjonijiet Telematiċi); it-Teknoloġġi Industrijali (it-Teknoloġġi Industrijali u tal-Materjali (BRITE/EURAM) ;Standards, Kejl u Ttestjar (SMT)); I-Ambjent (I-Ambjent u I-Klima, ix-Xjenzi u t-Teknoloġġi Marini (MAST III)); ix-Xjenzi u t-Teknoloġġi tal-Ħajja (Bijoteknoloġġa BIOTECH 2), il-Bijomedecina u s-Saħħa (BIOMED 2), I-Agricoltura u s-Sajd (FAIR), Aspetti Etiċi, Legali u Soċjali (ELSA)); I-Enerġġa (Riċerka u Żvilupp (JOULE), Wiri (THERMIE)); it-Trasport (Programm tar-Riċerka tat-Trasport), ir-Riċerka Soċjo-Ekonomika Mmirata (ir-Riċerka Soċjo-Ekonomika Mmirata (TSER), Network Ewropew ta' I-Evalwazzjoni tat-Teknoloġġa (ETAN)) -); Koperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi u ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali (Koperazzjoni Internazzjonali (INCO)); Tixrid u Sfruttar ta' Riżultati (Programm ta' Innovazzjoni); Stimulazzjoni tar-riċerkaturi tat-taħriġ u l-mobbiltà (Taħriġ u Mobbiltà tar-Riċerkaturi (TMR), Assoċjazzjoni tal-Fellowship Marie Curie).
- ² **FP5:** 4 Programmi Tematiċi (Kwalità ta' Ħajja u amministrazzjoni tar-riżorsi ħajjin (Kwalità ta' Ħajja); Soċjetà Informatika faċli għall-utenti (IST), Tkabbir kompetittiv u sostenibbli (GROWTH), L-Enerġġa, I-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli (EESD)); 3 Programmi Orizzontali (il-Konferma tar-rwol internazzjonali tar-riċerka Komunitarja (INCO 2), Promozzjoni ta' l-innovazzjoni u l-istimolu tal-parteċipazzjoni ta' l-SME (Innovazzjoni/SMEs), Titjib tal-potenzjal tar-riċerka umana u l-bażi tat-tagħrif soċjo-ekonomiku (Titjib)).
- ³ **FP6:** "L-Iffukar u l-integrazzjoni tar-riċerka tal-Komunità".
- 7 prijoritajiet tematiċi li jirrappreżentaw 10 programmi: Xjenzi tal-ħajja, Il-ġenomiċi u l-bioteknoloġġa għas-saħħa (inkl. il-ġenomiċi avanzati u l-applikazzjoni tagħhom għas-saħħa, Il-ġlieda kontra l-mard ewlieni), Teknoloġġi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, Nanoteknoloġġi u nanoxjenzi, materjali multifunzjonali bbażati fuq it-tagħrif u l-proċessi u l-apparti ġodda tal-produzzjoni, L-Ajrunawtika u l-ispazju, Il-kwalità u s-sigurtà ta' l-ikel, Żvilupp sostenibbli, it-tibdil globali u l-ekosistemi (inkl. Sistemi ta' l-enerġġa sostenibbli, Trasport sostenibbli ta' fuq l-art, It-tibdil globali u l-ekosistemi), Iċ-ċittadini u l-governanza f'soċjetà bbażata fuq it-tagħrif, - attivitajiet ta' riċerka transversali li jkopru firxa aktar wiesgħa ta' riċerka li tirrappreżenta 4 programmi: Appoġġ ta' l-istrategġija u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġiet xjentifiċi u teknoloġiċi, Attivitajiet ta' riċerka orizzontali li tinvolvi lill-SMEs, Miżuri speċifiċi b'appoġġ tal-koperazzjoni internazzjonali; Attivitajiet mhux-nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka;
"L-istrutturar taż-Żona tar-Riċerka Ewropea" li tirrappreżenta 4 programmi: Riċerka u innovazzjoni, Riżorsi umani, Infrastruttura tar-riċerka, Ix-xjenza u s-soċjetà
"It-Tiżni u l-pedamenti taż-Żona tar-Riċerka Ewropea" li tirrappreżenta 2 programmi: L-appoġġ għall-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet, L-appoġġ għal żvilupp koerenti ta' l-istrategġija.
- ⁴ **FP6:** "L-Iffukar u l-integrazzjoni tar-riċerka tal-Komunità".
- 7 prijoritajiet tematiċi li jirrappreżentaw 10 programmi: Xjenzi tal-ħajja, Il-ġenomiċi u l-bioteknoloġġa għas-saħħa (inkl. il-ġenomiċi avanzati u l-applikazzjoni tagħhom għas-saħħa, Il-ġlieda kontra l-mard ewlieni), Teknoloġġi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, Nanoteknoloġġi u nanoxjenzi, materjali multifunzjonali bbażati fuq it-tagħrif u l-proċessi u l-apparti ġodda tal-produzzjoni, L-Ajrunawtika u l-ispazju, Il-kwalità u s-sigurtà ta' l-ikel, Żvilupp sostenibbli, it-tibdil globali u l-ekosistemi (inkl. Sistemi ta' l-enerġġa sostenibbli, Trasport sostenibbli ta' fuq l-art, It-tibdil globali u l-ekosistemi), Iċ-ċittadini u l-governanza f'soċjetà bbażata fuq it-tagħrif, - attivitajiet ta' riċerka transversali li jkopru firxa aktar wiesgħa ta' riċerka li tirrappreżenta 4 programmi: Appoġġ ta' l-istrategġija u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġiet xjentifiċi u teknoloġiċi, Attivitajiet ta' riċerka orizzontali li tinvolvi lill-SMEs, Miżuri speċifiċi b'appoġġ tal-koperazzjoni internazzjonali; Attivitajiet mhux-nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka;
"L-istrutturar taż-Żona tar-Riċerka Ewropea" li tirrappreżenta 4 programmi: Riċerka u innovazzjoni, Riżorsi umani, Infrastruttura tar-riċerka, Ix-xjenza u s-soċjetà
"It-Tiżni u l-pedamenti taż-Żona tar-Riċerka Ewropea" li tirrappreżenta 2 programmi: L-appoġġ għall-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet, L-appoġġ għal żvilupp koerenti ta' l-istrategġija.
-

ANNEX 3

**DIFFERENZI EWLENIN FL-EVALWAZZJONI EX-POST TA' PROGRAMMI TAR-RIĊERKA
BEJN L-UE (FP4 - FP6), L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA U L-KANADA**

	UE (FP4 - FP6)	L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA	IL-KANADA
<u>Kwistjonijiet sistemiċi</u>			
Loġika ta' interventzjoni	mhix espliċita	il-biċċa l-kbira fis-seħħ, meħtieġa b'mod impliċitu mill-PART*	meħtieġa mill-RMAF** bħala parti minn proposta ta' programm
Strateġija ta' evalwazzjoni	mhix komprensiva	meħtieġa mill-PART*	meħtieġa mill-RMAF** bħala parti minn proposta ta' programm
Speċifikazzjoni ta' riżultati mistennija	le	meħtieġa mill-PART* (inkluż l-użu ta' indikaturi kwantifikabbli)	meħtieġa mill-RMAF** bħala parti minn proposta ta' programm
Mistoqsijiet dwar l-evalwazzjoni mill-	Kummissjoni bħala amministratur tal-programm	aġenzija bħala amministratur tal-programm (evalwata fi ħdan qafas OMB)	aġenzija bħala amministratur ta' programm (evalwata fi ħdan qafas TBS)
<u>Kwistjonijiet organizzattivi</u>			
Fażi ta' tfassil	matul il-perijodu ta' programmar	matul il-perijodu ta' programmar	lesta qabel ma jibda l-programm
L-użu ta' panels	Panels "ad hoc" għal eżerċizzji ta' evalwazzjoni speċifiċi	Skond l-aġenzija/programm	Panels permanenti bħala kumitati permanenti
Perjodiċità	dati fissi (marbuta mal-perijodu ta' programmar, li jkopri l-5 snin ta' qabel)	ċiklu ta' bejn sentejn u tlieta (marbut ma' l-approvazzjoni tal-baġit)	wara t-tiġdid tal-programm

Nota:

* Programme Assessment Rating Tool (PART) sa mill-2002: ara l-Uffiċċju tal-Ġestjoni u tal-Baġit (OMB), l-Uffiċċju Eżekuttiv tal-President, l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

** Results-based Management and Accountability Framework (RMAF) : ara l-Bord tat-Teżor tas-Segretarjat tal-Kanada (TBS).

STRUTTURA POSSIBBLI TAL-PANEL GĦAS-SEBA' PROGRAMM QAFAS

Panel ta' l-evalwazzjoni ġenerali ta' l-FP

Koperazzjoni	Ideat	Nies	Kapaċitajiet
Total tal-bagıt: 32 413 miljun euro	Total tal-bagıt: 7 510 miljun euro	Total tal-bagıt: 4 750 miljun euro	Total tal-bagıt: 5 848 miljun euro
10 sub-programmi: - Saħħa (6 100 mio euro) - Ikel, agrikoltura u bijoteknoloġija (1 935 mio euro) - Teknoloġiji ta' l-Informatika u tal-Komunikazzjoni (9 050 mio euro) - Nanoxjenzi, nanoteknoloġiji, materjali u teknoloġiji ġodda tal-produzzjoni (3 475 mio euro) - Enerġija (2 350 mio euro) - Ambjent (inkluża l-bidla fil-klima) (1 890 mio euro) - Trasport (inkluża l-aeronawtika) (4 160 mio euro) - Xjenzi soċjo-ekonomiċi u l-umanitajiet (623 mio euro) - Sigurtà (1 400 mio euro) - Spazju (1 430 mio euro)	Sub-programm wieħed: - Kunsill Ewropew tar-Riċerka (<i>programm implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva</i>)	5 sub-programmi: - Taħriġ tal-bidu; - Taħriġ tul il-ħajja; - Akkademji ta' l-Industrija; - Dimensjoni internazzjonali; - Azzjonijiet speċifiċi (<i>implimentazzjoni tal-programm mill-Aġenzija Eżekuttiva</i>)	8 sub-programmi: - Infrastrutturi tar-riċerka (1 715 mio euro) - Riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs (<i>implimentazzjoni tal-programm mill-Aġenzija Eżekuttiva</i>) (1 336 mio euro) - Reġjuni ta' taġhrif (126 mio euro) - Potenzjal għar-riċerka (340 mio euro) - Ix-xjenza fis-soċjetà (330 mio euro) - Żvilupp koerenti ta' politika tar-riċerka (70 mio euro) - Koperazzjoni internazzjonali (180 mio euro) - attivitajiet mhux ta' natura nukleari tal-JRC (1 751 mio euro)
10 sub-panels	Sub-panel wieħed	Sub-panel wieħed	Sub-panel wieħed

Sors: Deċiżjoni tas-Seba' Programm Qafas
 Nota: L-istruttura tal-panel kif irrikmandata mill-ECA.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

I. Il-Programmi Qafas RTD tal-Komunità (Community RTD Framework Programmes) (FPs) żviluppaw matul l-aħħar għexieren ta' snin f'sistema ta' mekkaniżmi ta' sostenn ferm mifruxa iżda koerenti għar-riċerkaturi fis-27 Stat Membru ta' l-UE, fil-pajjiżi assoċjati u lil hinn minnhom.

Illum l-FPs huma l-akbar sistema pubblika multinazzjonali mad-dinja kollha li tiffinanzja r-riċerka.

Fil-preżent l-FP tirrappreżenta 5 % ta' finanzjament pubbliku totali ta' l-UE għar-riċerka. F'termini tal-parteeċipazzjoni finanzjarja annwali tal-Komunità l-FP7 ser tkun madwar 60 % akbar minn ta' FP6.

Il-valutazzjoni ta' skema unika bħal din hi sfida partikolari għal dawk kollha involuti. L-arranġamenti għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ għaddew minn tibdiliet sinifikanti matul is-snin riċenti, l-aktar riċenti bit-tneđija tal-FP7 fl-2007.

Is-sistema ta' valutazzjoni u monitoraġġ li qed tħaddem il-Kummissjoni hi bbażata fuq ir-responsabbiltà direttta tas-servizzi li jimplementaw tal-Kummissjoni. Huwa hawn li l-ogħla livell ta' kapaċità teknika huwa disponibbli.

Il-valutazzjonijiet fuq il-livell tal-Programmi Qafas qed isiru permezz ta' sforzi kkoordinati fid-Direttorati Ġenerali (DGs) kollha.

IV. Il-Kummissjoni tilqa' l-kummenti tal-Qorti li d-DGs li jimplementaw l-FPs ("Direttorati Ġenerali għar-riċerka") kienu konformi mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni, li jinkludu dawk speċifikati fil-Komunikazzjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sena 2000 u ta' l-2002.

Ġew introdotti tibdiliet sinifikanti għall-valutazzjoni tal-FP, inkluż risrutturar kbir għall-FP7.

Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li

i) l-FPs minn dejjem kienu bbażati fuq loġika ta' intervent b'saħħitha. Fl-FP7 dan jidher aktar espliċitu, li jkompli jsaħħa is-sistema ta' valutazzjoni u monitoraġġ tal-Kummissjoni.

ii) l-elementi strateġiċi prinċipali ta' l-approċċ tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ kienu definiti fl-atti suċċessivi ta' leġiżlazzjoni ta' l-FPs sa min-nofs is-snin 90.

Minn mindu fl-1996 il-Kummissjoni adottat l-aħħar Komunikazzjoni tagħha dwar il-valutazzjoni tar-riċerka, seħħ proċess ta' rfinar kostanti ta' l-approċċ tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni ta' l-FP, u saru tibdiliet sinifikanti għall-eċerċizzju tal-valutazzjoni.

Matul il-perjodu tal-verifika mill-Qorti, kull erba' snin saru eżerċizzji kbar ta' valutazzjoni ta' l-FPs, l-hekk imsejħa "il-Valutazzjonijiet għal ħames snin".

iii) l-FPs huma implimentati b'mod konġunt mid-"DIRETTORAT ĠENERALI għar-riċerka", li jaġixxu b'mod indipendenti u jikkooperaw fejn ikun meħtieġ. Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni, u d-DIRETTORAT ĠENERALI għall-Baġit b'mod partikolari, jipparteeipaw b'mod attiv fl-istadji differenti relatati mal-proċess ta' valutazzjoni.

Minħabba l-organizzazzjoni diċentralizzata tal-Kummissjoni u l-ispeċifitajiet ta' kull qasam xjentifiku, il-valutazzjonijiet jeħtieġ li jkunu ġestiti mis-servizzi operattivi inkarigati.

In-"Netwerk intern tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni RTD wera li kien ferm siewi biex ikun hemm koordinazzjoni.

Il-Kummissjoni taqbel li l-panels għandhom ikollhom rwol importanti fil-valutazzjoni u tilqa' s-sejbiet tal-verifika għall-"valutazzjonijiet ta' ħames snin" u valutazzjonijiet oħra kbar li tqiesu mill-partijiet interessati fl-istituzzjoni bħala garanzija għall-indipendenza ta' l-approċċ segwit mill-Kummissjoni matul il-perjodu kopert mill-verifika.

iv) il-provvista ta' gwida metodoloġika diretta għall-valutazzjonijiet hi kostretta mill-ħtieġa li żżomm l-indipendenza ta' dawk li jagħmlu l-valutazzjoni. Il-Kummissjoni tagħraf id-diffikultajiet bil-għbir tad-*data* tal-passat u taċċetta li ftit hu magħruf dwar termini itwal ta' l-impatti u r-riżultati ta' l-FPs, kif fil-fatt huma l-biċċa l-kbira tal-valutazzjonijiet ta' l-interventi pubbliċi fil-qasam tar-riċerka u lil hinn minnha.

v) it-tempestività tal-parti l-kbira tal-valutazzjonijiet hi speċifikata fil-leġiżlazzjoni ta' l-FP adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Globalment, il-Kummissjoni tikkonsidra li s-sistemi ta' valutazzjoni u monitoraġġ tagħha għall-FPs huma effettivi. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qasmu dan il-ħsieb meta fl-2006 kienu adottati l-proposti leġiżlattivi riċenti tal-Kummissjoni għall-FP7.

V. Minħabba r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni

i) tirreferi għal-loġika aktar espliċita ta' intervent li tinsab fil-leġiżlazzjoni FP7 (adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-2006) u ser terġa' tiffinforza l-użu ta' loġika espliċita ta' intervent fil-proposti leġiżlattivi tal-futur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bi ħsiebha tikkjarifika aktar l-għanijiet operattivi tagħha għall-FP7 fuq il-livell ta' programmi ta' ħidma u li tkompli tiżviluppa l-approċċ tagħha biex tkun tista' titkejjel il-ħidma.

ii) ser tkompli tiżviluppa l-istrateġija tagħha tal-valutazzjoni għall-FP7, ibbażata fuq il-proposti tal-valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-FP7. Ser tingħata attenzjoni biez ikun assigurat livell xieraq ta' flessibilità sabiex kull servizz operattiv jista' jiddetermina l-ħtiġiet speċifiċi għall-valutazzjoni.

iii) Filwaqt li ma tikkunsidrax li hu neċessarju li jitwaqqaf ufficiju konġunt għall-valutazzjoni, il-Kummissjoni taqbel li tikkunsidra għażliet oħrajn biex tittejjeb il-koordinazzjoni.

Il-panels għandhom jitlaqqgħu fl-aktar mument kmieni possibbli biex isostnu valutazzjoni speċifika. Madanakollu, Panels iddedikati, li jitlaqqgħu għall-skopijiet speċifiċi, aktarx li jipprovdu aktar benefiċċji f'termini ta' kjarizza u ffokar.

iv) diġà ħadet azzjoni biex ikunu sfruttati aħjar is-sorsi eżistenti u dawk ġodda għall-valutazzjoni tagħha.

Il-ħtiġiet tar-rappurtaġġ ta' l-FP7 kienu riveduti fuq il-bażi tal-ħtiġiet ta' valutazzjoni u monitoraġġ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed tiżviluppa sistema ġdida ta' l-IT għall-FP7 li hi maħsuba biex tipprovdi bażi aktar b'saħħitha f'termini ta' *data* dwar il-proġetti.

Il-Kummissjoni ser tikkonsidra l-possibilità ta' manwal ġdid dwar il-valutazzjoni tal-FP, billi tikkunsidra eżempji li ġew prodotti riċentement.

v) il-Kummissjoni bi ħsiebha tiżviluppa u ssaħħaħ l-ippjanar fit-tul tal-valutazzjonijiet taħt l-FP7, li jirriflettu l-vantaġġi possibbli, u r-riżultati tas-sejbiet.

1-13. Il-Programmi Qafas RTD tal-Komunità (FPs) żviluppaw matul l-aħħar għexieren ta' snin f'sistema ta' mekkaniżmi ta' sostenn mifruxa ħafna iżda koerenti għar-riċerkaturi fis-27 Stat Membru, fil-pajjiżi assoċjati u lil hinn minnhom.

Illum l-FPs huma l-akbar sistema multinazzjonali ta' finanzjament għar-riċerka mifruxa mad-dinja kollha (ara l-paragrafu 6 tat-test tal-Qorti). F'termini tal-parteċipazzjoni finanzjarja annwali tal-Komunità l-FP7 ser tkun madwar 60 % akbar minn ta' FP6. (ara ċ-ċifra 1 tat-test tal-Qorti).

Il-valutazzjoni ta' skema unika bħal din hi sfida partikolari għal dawk kollha involuti. Il-modalitajiet tal-valutazzjoni għaddew minn tibdiliet sinifikanti matul is-snin riċenti (ara ċ-ċifra 2 tat-test tal-Qorti), l-aktar riċenti bit-tneġġja ta' l-FP7 fl-2007 (pereżempju ara t-tweġibiet għall-paragrafi 23, 30, 41, 46, 72, 76-78, 93).

14. Id-DIRETTORAT ĠENERALI li jimplimentaw l-RTD FPs ("Direttorati Ġenerali għar-riċerka") kienu formalment konformi mal-ħtiġiet tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni, inklużi dawk speċifikati mill-Komunikazzjonijiet tas-sena 2000 u ta' l-2002 dwar il-valutazzjoni (ara l-paragrafu 54 tat-test tal-Qorti).

22. Il-Kummissjoni taqbel ma' l-importanza ta' loġika b'saħħitha ta' intervent għat-tfassil tal-programm u taqbel ma' l-opinjoni li l-mandat speċifikat fl-Artikolu 163 tat-Trattat hu element prinċipali f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-RTD iffinanzjati mill-Kummissjoni għall-politiki u għanijiet oħra tal-Komunità hi ta' importanza kbira. Riċentement, kienet ippreżentata fid-dettal l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rwol ta' l-investment ta' l-RTD ta' l-UE kemm fl-istrategġija ta' "Liżbona" u kemm dik dwar l-"Iżvilupp Sostenibbli"¹.

23. L-FPs minn dejjem kienu bbażati fuq loġika b'saħħitha ta' intervent. Fl-FP7 dan jidher aktar espliċitu², li ser ikompli jsaħħa is-sistema ta' valutazzjoni u monitoraġġ tal-Kummissjoni.

25. Numru ta' pajjiżi inklużi wħud mill-Istati Membri qed jiżviluppaw dan l-approċċ, iżda dan ma jfissirx li hu approċċ uniformi. It-tagħlimiet mill-Istati Uniti u l-Kanada jistgħu jkunu anqas trasferibbli minn Stati membri ta' l-UE.

26. Il-Kummissjoni tikkonsidra li kellha sistema effettiva ta' valutazzjoni u monitoraġġ matul il-perjodu vverifikat mill-Qorti (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 23).

28. B'mod partikolari, minħabba l-inċertezzi dwar ir-riċerka, hi sfida li jkun żgurat li l-għanijiet kollha jimxu id f'id mad-definizzjonijiet stretti tal-kriterji tas-SMART. Il-programmi kollha ta' ħidma taħt l-FP7 fihom dikjarazzjonijiet mistennija ta' impatt, li jikkorrispondu ma' l-għanijiet, ir-raġunijiet u l-attivitajiet stabbiliti fil-Programmi Speċifiċi.

29. Ingħatat attenzjoni akbar għall-kisbiet f'terminu ta' żmien qasir matul il-perjodu verifikat mill-Qorti; Hemm lok għal aktar analiżi għat-tul ta' żmien.

¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa – li jimplimenta l-Istrategġija mġedda ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi (Com(2006) 816).

² Pereżempju, il-proposta tal-Kummissjoni għall-FP7 kienet żviluppata fuq il-bażi ta' valutazzjoni fuq l-impatt dettaljat ex ante, li kienet tinkludi mudell ekonometriku ta' l-impatti potenzjali ta' l-attività tar-riċerka dwar kwistjonijiet bħalma huma t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impjiegi (ara l-Istaff Working Paper tal-Kummissjoni Ewropea, "Impact Assessment and Ex Ante Evaluation for the proposals for the Council and European Parliament decision on the 7th Framework Programme (KE u Euratom)", SEC(2005) 430). Id-Deċiżjonijiet FP7 jipprovdu struttura ċara li tgħaqqad l-għanijiet, ir-raġunijiet u l-attivitajiet. Barra minn hekk, id-Deċiżjonijiet speċifiċi tal-ProgrammFP7 stabbilixxew għanijiet, approċċ u attivitajiet.

30. Fuq il-livell ta' FP sistema ta' monitoraġġ qed tkun preżentement żviluppata mill-Kummissjoni għall-FP7 li għandha l-għan li tipprovdi użu aktar koerenti u sistematiku ta' l-indikaturi ta' prestazzjoni. Diversi inizzjattivi separati għall-iżvilupp ta' indikaturi ta' prestazzjoni għadhom ukoll għaddejjin fi ħdan is-servizzi differenti li jimplimentaw l-FP7.

34. Il-Kummissjoni hi diġà kommessa li tiżgura kjarezza akbar fil-loġika ta' programm ta' intervent, li tibni fuq l-avvanzi li huma inklużi fil-leġiżlazzjoni ta' l-FP7 u l-Valutazzjoni fuq l-Impatt u ser tikkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għall-proposti leġiżlattivi tal-futur.

35. Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tiċċara aktar l-għanijiet tal-programm FP7, u, ser taħdem biex tilħaq dan l-għan fil-limiti ta' l-atti bażiċi rilevanti adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

36-37. Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u qed tieħu l-inizzjattivi għal żvilupp akbar tal-kejl tal-prestazzjoni u għall-modifika tan-nomenklatura ta' l-ABM/ABB.

38-39. Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-istrateġija tal-valutazzjoni tagħha għall-FPs għandha tistabbilixxi prinċipji komuni għall-organizzazzjoni u l-iżvilupp tal-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-FP. L-istrateġija għandha tipprovdi dikjarazzjoni ta' skop, tiddefinixxi l-elementi prinċipali tas-sistema inklużi l-eżerċizzji prinċipali u telabora viżjoni għall-futur. Din għandha tibqa' tiffoka fuq il-livell strateġiku minħabba s-sistema diċentralizzata tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni għall-FPs.

41. L-elementi strateġiċi prinċipali ta' l-approċċ tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ kienu definiti fl-atti bażiċi suċċessivi għall-FPs sa min-nofs is-snin 90 (ara l-Anness 2).

Minn mindu fl-1996 il-Kummissjoni adottat l-aħħar Komunikazzjoni tagħha dwar il-valutazzjoni tar-riċerka, seħħ proċess ta' rfinar kostanti ta' l-approċċ tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni ta' l-FP, u saru tibdiliet sinifikanti għall-eżerċizzju tal-valutazzjoni (ara ċ-ċifra 2 tat-test tal-Qorti).

Għall-perjodu kurrenti ta' ipprogrammar, l-istrateġija ppjanata tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni hi stabbilita b' mod aktar espliċitu fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt ta' l-FP7 ex ante (SEC(2005) 430). Din tkopri t-tfassil tas-sistema ta' valutazzjoni, kif se tiġi implimentata u skeda dettaljata tal-valutazzjonijiet ipplanati fuq il-livell FP.

Hu meħtieġ aktar xogħol biex din l-istrateġija tissarraf fi pjanijiet speċifiċi u għal dan l-iskop l-Kummissjoni ser tuża' strutturi speċifiċi ta' koordinazzjoni għal dan l-iskop.

43. Filwaqt li tirrikonoxxi l-osservazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni tinnota li s-sitwazzjoni fl-Istati Uniti u l-Kanada hi konsiderevolment aktar sottili milli tista' tkun ippreżentata minn strateġiji uniċi ta' valutazzjoni.

44. Id-differenzi fl-użu u fl-approċċ għall-valutazzjoni ta' l-FP jirriflettu s-sistema diċentralizzata tal-Kummissjoni, li tgħaqqad il-valutazzjoni mat-teħid tad-deċiżjonijiet.

46. Minħabba l-organizzazzjoni diċentralizzata tal-Kummissjoni, il-kwistjoni tal-livell xieraq għall-attività tal-valutazzjoni hemm bżonn li tkun indirizzata mis-servizzi operattivi inkarigati (ara wkoll it-tweġibiet għall-paragrafi 41 u 49).

- (it-tieni inċiż) il-Valutazzjoni għall-Ħames Snin ta' l-2004 (1999-2003), ikkoordinata mid-Direttorat Ġenerali għar-riċerka, ipprovdi valutazzjoni fuq il-livell globali tal-FP. Id-deċiżjoni dwar jekk tagħmilx eżerċizzji separati fuq livelli ta' ipprogrammar irriflettiet il-ħtiġiet tas-servizzi involuti u l-kuntesti differenti u l-iskala ta' l-attivitàjiet ikkonċernati.

47. Il-Valutazzjoni għal Ħames Snin ta' l-2004 ipprovdiet valutazzjoni kkoordinata, komprensiva u fil-ħin fuq il-livell globali tal-FP, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Din twettqet minn esperti esterni distinti bir-riżultati jinxterdu b'mod wiesa'.

48. Ara t-tweġibiet għall-paragrafi 41 u 46.

49. Għall-perjodu kurrenti ta' ipprogrammar, l-istrateġija pplanata tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni hi stabbilita b'mod aktar espliċitu fil-Valutazzjoni ex ante ta' l-Impatt ta' l-FP7 (SEC(2005) 430). Din tkopri t-tfassil tas-sistema ta' valutazzjoni, kif set tiġi implimentata u skeda dettaljata tal-valutazzjonijiet ipplanati fuq il-livell FP.

Il-Kummissjoni taççetta li jeħtieġ isir aktar xogħol biex din l-istrateġija tissarraf fi pjanijiet speċifiċi u għal dan l-iskop il-Kummissjoni ser tuża' strutturi speċifiċi ta' koordinazzjoni.

Madanakollu, il-Kummissjoni tikkonsidra li livell minimu ta' valutazzjoni dettaljata ma tistax tkun stabbilita dejjem minħabba l-ħtieġa biex tinżamm il-flessibilità għal ġestjoni biex tiddetermina l-ħtiġiet xierqa ta' valutazzjoni.

51. L-FPs huma implimentati b'mod konġunt mid-"Direttorati Ġenerali għar-riċerka", li jaġixxu b'mod indipendenti u jikkooperaw fejn ikun meħtieġ.

52. EuropeAid għandha responsabbiltajiet operattivi u ta' ġestjoni li hi twettaq b'kollaborazzjoni ma' delegazzjonijiet tal-Kummissjoni u mal-korpi li jimplementaw fil-pajjiżi terzi. Dan jagħmilha diffiċli biex tikkonsidra din il-parti tal-Kummissjoni bħala eżempju peress li mhux komparabbli mas-sistema diċentralizzata tar-responsabbiltajiet u r-rwoli fil-qasam tar-riċerka.

53. In-"network intern tal-valutazzjoni RTD" tal-Kummissjoni jipprovidi mezzi informali għall-iżvilupp ta' strateġija ta' valutazzjoni u għal koordinament ta' l-eżerċizzji ta' valutazzjoni fuq il-livell ta' l-FP. Dan il-mekkaniżmu flessibbli wera li kien ferm utli.

55. Ir-reviżjoni riċenti ta' l-istandards interni ta' kontroll tal-Kummissjoni, adottati fis-16 ta' Ottubru 2007 (SEC(2007) 1341) jinkludu l-21 standard ta' valutazzjoni u l-konformità ma' dawn l-istandards għaldaqstant ser ikunu inklużi fl-ambitu tar-rapport annwali ta' attività tad-Direttorat Ġenerali.

Is-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni, u d-DIRETTORAT ĠENERALI għall-Baġit b'mod partikolari, jippartiċipaw b'mod attiv fl-istadji differenti relatati mal-proċess ta' valutazzjoni.

L-attivitajiet tal-valutazzjoni tas-servizzi jistgħu jkunu soġġetti għall-verifika permezz ta' verifika interna u tas-servizz intern tal-verifika.

Fil-futur, il-valutazzjoni tar-rekwiżiti minimi tal-kwalità ser tuża' l-"*Quality Assessment Framework*" tal-Kummissjoni li kienet żviluppata riċentement³ Mill-2007, il-kontroll tal-kwalità għal valutazzjoni prospettiva fuq l-impatt kienet mgħejjuna mill-"Bord tal Valutazzjoni fuq l-Impatt".

56. Il-paragun ipprovdut fl-**Anness 3** ikopri l-perjodu verifikat mill-Qorti. Għalhekk, mhux ikkunsidrat it-titjib sinifikanti taħt l-FP7, l-aktar fir-rigward ta' l-istrateġija ġdida ta' valutazzjoni, loġika aktar espliċita ta' intervent u dikjarazzjonijiet ċari tar-riżultati mistennija fil-programmi ta' ħidma.

Il-Qorti tissottolinja ċerti Stati Membri fejn ir-responsabbiltà għal valutazzjoni u finanzjament huma separati. Bl-istess mod, jeżistu eżempji oħrajn (bħalma hu r-Renju Unit) fejn il-valutazzjoni hi parti mill-ġestjoni tal-programm

³ Il-"Quality Assessment Framework" jinsab fuq http://ec.europa.eu/budget/documents/evaluation_en.htm.

(bħal fil-każ tal-Kummissjoni). Dwar il-kwistjoni ewlenija ta' l-indipendenza, il-verifika tal-Qorti wriet li l-partijiet interessati esterni huma sodisfatti bil-ħidma tal-Kummissjoni fuq dan il-punt (ara l-paragrafu 58 u ċ-ċifra 4 tat-test tal-Qorti).

59.

(l-ewwel inċiż) Hu diffiċli li jkun assigurat li membri ta' livell għoli għal *panels* jitlaqqgħu fuq perjodu twil ta' żmien b'invoviment adegwat.

(it-tieni inċiż) It-termini ta' referenza għal *panels* fuq livell ta' FP huma stabbiliti minn Deċizzjoni tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni informali estensiva mal-partijiet interessati, li jinkludu l-opinjoni formali tal-Kumitati għal Programmi tal-FP li huma ffurmati mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati. Dan ukoll ser ikun il-każ għall-valutazzjoni ex-post FP6 li jmiss fl-2008.

62. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li bħala medja għandha tkun allokata għal valutazzjoni l-mira ta' 0.5 % ta' baġit ta' programm. Ir-riżorsi li huma fil-fatt allokati jiddependu ħafna min-natura tal-programm.

66. Filwaqt li ma tikkunsidrax li hu neċessarju li jitwaqqaf uffieċju konġunt għall-valutazzjoni, il-Kummissjoni taqbel li tikkunsidra għażliet oħrajn biex tittejjeb il-koordinazzjoni.

Ir-rabta bejn il-valutazzjoni u l-ġestjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tista' tintlaħaq minn funzjonijiet ta' valutazzjoni li jinsabu f'kull DIRETTORAT ĠENERALI u billi tingħata spinta għida lin-"network intern ta' valutazzjoni RTD" eżistenti tal-Kummissjoni bis-sostenn tas-servizzi ċentrali. Dan hu konformi wkoll mal-proċessi leġiżlattivi u baġitarji, kif rikjest mir-Regolament Finanzjarju, mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2007 dwar il-valutazzjoni u mill-proċeduri fil-kuntest ta' l-ABM.

67. Il-Kummissjoni taqbel li l-panels jista' jkollhom rwol importanti fil-valutazzjoni. Filwaqt li taqbel ukoll li l-panels għandhom jitlaqqgħu fl-aktar mument kmieni possibbli biex isostnu valutazzjoni speċifika, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li hu xieraq li tistabbilixxi standing panels matul il-perjodu ta' l-ipprogrammar.

Panel iddedikat, li jitlaqqa' għall-skopijiet speċifiċi, aktarx li jkun ta' aktar benefiċċju f'termini ta' kjarezza u ffokar.

68. Il-Kummissjoni ser tivvaluta bir-reqqa l-ħtiġiet għar-riżorsi biex tagħmel il-valutazzjoni għall-FPs fis-snin li ġejjin.

70-71. Il-gwida tad-Direttorat Ġenerali tal-Baġit⁴ qed tipprovdi gwida metodoloġika, li tinkludi l-għodod u l-glossarju tat-termini u dawn is-servizzi, inklużi d-"DIRETTORAT ĠENERALI għar-riċerka" bħalissa qed ikunu aġġornati.

Barra minn hekk, gwida ta' valutazzjoni speċifika fl-2002 kienet żviluppata mid-DIRETTORAT ĠENERALI għall-Intrapriżi li jkopru l-attivitajiet kollha li għalihom id-DIRETTORAT ĠENERALI hu responsabbli, inklużi l-FPs.

Ser jiġu kkunsidrati aktar inizzjattivi ta' sostenn għat-tnedija mill-ġdid tan-"Network Ewropew ta' Valutazzjoni RTD" (li jikkonsisti minn esperti mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati) u min-"Network intern tal-Valutazzjoni

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Baġit, "Evaluating EU Activities – A Practical Guide for the Commission services", Lulju 2004, jinsab fuq http://ec.europa.eu/budget/publications/other_en.htm.

RTD" tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tkompli tagħti sostenn għal studji indipendenti ta' metodoloġija ta' valutazzjoni u workshops.

72. Il-Kummissjoni taqbel li l-proċess għall-ġbir ta' rutina tad-data minn proġetti kien biss parzjalment effettiv. Il-proċeduri ta' rappurtaġġ tal-proġetti kienu riveduti taħt l-FP6, u ser ikomplu jittejbu għall-FP7 (eż. rappurtaġġ perjodiku ser ikun simplifikat; il-kwestjonarji interim tneħħew; ir-rappurtaġġ finali ser isir aktar utli, l-aktar fir-rigward tal-ġbir tad-data għall-implimentazzjoni tal-proġetti u r-riżultati).

74. Id-"Direttorati Ġenerali għar-riċerka" bħalissa qed jiżviluppaw sistema ġdida ta' l-IT għall-FP7 bl-appoġġ tad-Direttorat Ġenerali għall-informatika. Dan l-appoġġ imtejjeb għall-IT hu maħsub biex jipprovdi bażi aktar b'saħħitha għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ.

76-78. Is-sorsi tad-data ta' valutazzjoni kien biss parzjalment effettiv matul il-perjodu kopert mill-verifika. Il-Kummissjoni qed tintroduċi titjib taħt l-FP7 (ara t-tweġiba għall-paragrafu 72).

79. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-kwalitajiet ta' studji kwantitattivi proposti mill-Qorti.

81. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, riċentement saru ħafna valutazzjonijiet metodoloġiċi aktar interessanti (ara l-paragrafu 84) u għandha ssir distinzjoni bejn il-valutazzjonijiet fuq skala kbira u eżerċizzji aktar ta' rutina.

82. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni taċċetta li xogħol ta' valutazzjoni ta' attenzjoni akbar għas-suċċessi f'terminu ta' żmien qasir u taqbel li hemm lok għal aktar analiżi fir-rigward tar-riżultati u l-impatti. Madanakollu, dan l-approċċ jeħtieġ perspettivi ta' żmien itwal u għalhekk il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu tipikament jitqabblu ma' xogħol ieħor li sar fi bnadi oħra.

83. Il-Kummissjoni tfittex li tirrispetta l-indipendenza ta' l-esperti tal-valutazzjoni, speċjalment l-għażla tal-metodoloġiji xierqa.

Għall-valutazzjoni ex post li jmiss ta' l-FP6 fl-2008 hu propost li jsiru studji dwar l-addizzjonalità ta' kif titmexxa l-analiżi tan-network u l-użu ta' approċċi xjentometriċi.

84. Meta-analiżi ta' l-istudji ta' valutazzjoni preċedenti saru minn esperti indipendenti għall-Valutazzjoni ta' Ħames Snin ta' l-2004 (1999-2003)⁵.

(it-tieni inċiż) Minbarra l-istudji msemmija mill-Qorti, fl-2007 kienu mnedija aktar studji kbar⁶.

85. Il-Kummissjoni taqbel li hemm aktar ħtieġa li jkunu żviluppati strateġiji ta' metodoloġija ġdida biex tkun indirizzata n-natura li qed tinbidel ta' l-FPs. Dawn l-iżviluppi metodoloġiċi huma, u ser ikomplu jkunu sostnuti mill-Kummissjoni.

86. Peress li l-mistoqsijiet elenkati fit-Terminu ta' Referenza għall-Valutazzjoni ta' Ħames Snin ta' l-2004 (1999-2003) kienu biss indikattivi, il-panel kien liberu li jagħżel l-oqsma li fihom kellu jiffoka u li jiddetermina l-modalitajiet tal-ħidma tiegħu. Il-membri tal-panel ikkumentaw dwar il-livell ferm għoli ta' l-eżerċizzju⁷.

⁵ E. Arnold, "What the Evaluation Record tells us about the Framework Programme Performance", 2004.

⁶ Id-DIRETTORAT ĠENERALI għar-Riċerka, "Structuring Effects of Community Research - The Impact of The Framework Programme on Research & Technological Development (RTD) Network Formation", 2007; Id-DIRETTORAT ĠENERALI għas-Socjetà ta' l-Informatika u l-Midja "Effectiveness of IST-RTD Impacts on the EU Innovation System", 2007.

87. Il-natura proprja tal-programm ta' riċerka, li jittratta dwar l-inċertezza, tfisser li hemm limiti safejn jistgħu jiġu speċifikati l-għanijiet kwantifikabbli.

90. Fl-2007, il-Kummissjoni nediet mill-ġdid in-"Netwerk Ewropew tal-Valutazzjoni RTD", li kien jikkonsisti minn uffiċjali u esperti fil-valutazzjoni ta' l-Istati Membri, li qed tippjana li tuża' biex tippromwovi aktar koerenza fl-attivitajiet ta' valutazzjoni tar-riċerka fl-UE, l-aktar fir-rigward ta' l-istudji fuq l-impatt fuq livell ta' Stat membru.

91. Il-Kummissjoni ser tikkonsidra l-possibiltà ta' manwal ġdid dwar il-valutazzjoni ta' l-FP, billi tikkunsidra eżempji li kienu prodotti riċentement⁸.

92. Il-proċeduri ta' rappurtaġġ tal-proġetti kienu riveduti taħt l-FP6, u ser ikomplu jittejbu għall-FP7 (ara t-tweġiba għall-paragrafu 72).

93. Fuq il-livell ta' FP sistema ta' monitoraġġ qed tkun preżentement żviluppata mill-Kummissjoni għall-FP7 li għandha l-għan li ttiprovdi użu aktar koerenti u sistematiku ta' l-indikaturi ta' prestazzjoni (ara t-tweġiba għall-paragrafu 30).

Id-"Direttorati Ġenerali għar-riċerka" bħalissa qed jiżviluppaw sistema ġdida ta' l-IT għall-FP7 bl-appoġġ tad-DIRETTORAT ĠENERALI għall-informatika. Dan l-appoġġ imtejjeb għall-IT hu maħsub biex ttiprovdi bażi aktar b'saħħitha għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ.

94. Il-Kummissjoni ukoll turi t-tħassib tal-Qorti fir-rigward tal-problema dwar il-piż tar-rappurtaġġ u kkunsidrat dan b'mod speċifiku meta speċifikat il-ħtiġiet tar-rappurtaġġ fħall-FP7 (ara t-tweġiba għall-paragrafu 72).

95. Bħalissa il-Kummissjoni qed tagħmel sforzi biex tisfrutta s-sorsi eżistenti u dawk ġodda tad-data għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ (ara t-tweġiba għall-paragrafu 72).

96. Fi ħdan l-FP7, hemm linja speċifika ta' azzjoni taħt it-tema 8 (ix-Xjenzi soċjali u l-umanistika) biex jindirizzaw l-istrateġiji innovattivi għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ.

97. Fl-2007 il-Kummissjoni nediet mill-ġdid in-Netwerk Ewropew għall-Valutazzjoni RTD (ara t-tweġiba għall-paragrafi 70-71 u 90), li qed tippjana li tużahom biex tippromwovi aktar koerenza fl-attivitajiet ta' valutazzjoni għar-riċerka fl-UE, speċjalment l-istudji fuq l-impatt ta' l-Istati Membri

Il-Kummissjoni bi ħsiebha wkoll iżżomm il-pożizzjoni tagħha fuq quddiem nett tas-sostenn għal netwerking internazzjonali u bl-iskambju tal-prattiċi tar-riċerka tal-valutazzjoni permezz ta' *workshops* u avvenimenti oħra.

7 Ara C. Mandl, "Evaluating Evaluations or The Case for Action Research", Austrian Platform Newsletter, Nru 30, Ġunju 2007.

8 Pereżempju ara ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, "Assessing the Socio-Economic Impact of RTD-Policies" (EPUB), 2002, u l-Università ta' Manchester, "Assessing the Socio-economic Impacts of the Framework Programme" (ASIF), 2002, li t-tnejn jinsabu fuq http://circa.europa.eu/Public/irc/rtd/fiveyearasskb/library?l=/iii-knowledge_base/040-evaluation_methodolo&vm=detailed&sb=Title. Dawn ir-rapporti kienu mqassma b'mod mifrux u kienu disponibbli għall-kuntratturi u l-esperti li wettqu l-istudji tal-valutazzjoni fisem il-Kummissjoni.

99. It-tempestività tal-valutazzjoni hi deteminata mill-ħtiġiet speċifiki fl-atti bażiċi adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-Kummissjoni taċċetta li ffit li xejn hu magħruf dwar l-impatti fit-tul taż-żmien u taqbel li hemm lok għal aktar ħidma f'dan il-qasam.

100. Il-Kummissjoni taqbel li l-Valutazzjonijiet għal Ħames Snin kellhom it-tendenza li jiffokaw aktar fuq valutazzjoni għal tul iqsar ta' żmien milli fuq dik għal tul itwal ta' żmien. Dan hu spjegat minn fatturi li jinkludu l-interess tal-partijiet interessati esterni, bħalma huma l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, dwar ir-reazzjonijiet ta' malajr għall-ħidma tal-FP, l-isfida ta' l-impatti attribwenti għar-riċerka fuq perjodu twil ta' żmien u l-iffokar magħżul mill-panels indipendenti li jwettqu l-eżerċizzji. Il-Kummissjoni taċċetta li madanakollu għandha tingħata aktar attenzjoni biex ikunu vvalutati l-effetti fuq tul ta' żmien.

108. Il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li tippjana l-attivitajiet prinċipali tal-valutazzjoni taħt l-FP7 u ser tikkunsidra bir-reqqa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti. Il-Kummissjoni taċċetta li ffit li xejn hu magħruf dwar l-impatti fuq tul ta' żmien u taqbel li hemm lok għal aktar ħidma f'dan il-qasam.

109. Kif kien innutat mill-Qorti fil-paragrafu 107, il-Kummissjoni tippovdi sommarju tas-sejbiet u l-azzjonijiet kollha li ttieħdu mill-valutazzjonijiet tar-riċerka fir-Reviżjoni Annwali tal-Valutazzjoni. Il-Kummissjoni hi impenjata li turi trasparenza sħiħa għall-valutazzjoni tagħha u ser tadotta r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tirrevedi l-mezzi għal komunikazzjoni u t-tixrid tas-sejbiet.

110-111. Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li l-valutazzjoni għar-riċerka, speċjalment għal programm hekk komprensiv bħall-FP, hu ta' sfida kbira.

Il-Kummissjoni tinnota li sar titjib sinifikanti fis-sistema matul l-aħħar 25 sena u li s-sistema globali kienet effettiva għal dawk li jfasslu l-politika, għall-manigġers tar-riċerka u għall-partijiet interessati l-oħra.

112. Il-Kummissjoni tilqa' l-kummenti tal-Qorti li d-Direttorati Ġenerali li jimplimentaw l-FPs kienu konformi mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni, li jinkludu dawk speċifikati fil-Komunikazzjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sena 2000 u ta' l-2002.

Kienu introdotti tibdiliet sinifikanti għall-valutazzjoni tal-FPs, inkluż ir-ristrutturar kbir għall-FP7, kif stabbilit fl-istrategġija pprovdata mill-Valutazzjoni fuq l-Impatt (SEC(2005) 430).

113. Dwar ir-rilevanza u l-utilità tal-valutazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tirreferi għar-reazzjoni pożittiva li rċeviet, speċjalment bl-eżerċizzji prinċipali riċenti bħalma hija l-Valutazzjoni għal Ħames Snin ta' l-2004 (1999-2003). Kien hemm tixrid estensiv tas-sejbiet tal-Valutazzjoni għal Ħames Snin inkluża l-preżentazzjoni għal korpi prinċipali bħalma huma l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-CREST u l-Kumitat tal-Programm ta' l-FP. Minħabba li kien rekwiżit obligatorju li dan l-eżerċizzju jitwettaq qabel il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm Qafas ġdid (f'dan il-każ l-FP7), l-adozzjoni eventwali ta' l-FP7 indikat li dan kien globalment aċċettat.

Dan ma jfissirx li ma jistax isir titjib u l-Kummissjoni taççetta bis-sħiħ il-ħtieġa li jsiru tidiliet li jkunu kkunsidrati bir-reqqa li jibnu fuq l-elementi ta' l-approçc preżenti li diġà qed jiffunzjona tajjeb.

114. Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti dwar l-importanza għal valutazzjoni u monitoraġġ u, li tibni fuq it-titjib sinifikanti li diġà sar, u ser tkompli taġġorna l-prattiçi tagħha fid-dawl ta' realtajiet politiçi u prattiçi ġodda.

115. Il-Kummissjoni hi diġà impenjata li tiżgura kjarezza akbar fil-loġika ta' programm ta' intervent, li tibni fuq l-avvanzi li huma inklużi fil-leġislazzjoni tal-FP7 u l-Valutazzjoni fuq l-Impatt, u ser tikkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għall-proposti leġislattivi tal-futur.

116. Il-Kummissjoni taqbel li għad hemm lok għal titjib inklużi kooperazzjoni eqreb fuq livell operattiv fost is-servizzi kkonċernati, billi tibni fuq it-titjib sinifikanti li diġà sar fuq il-valutazzjoni tal-FP. Il-Kummissjoni ser tkompli bl-isforzi tagħha biex issostni l-iżviluppi fil-metodoloġija tal-valutazzjoni.

117. Fir-rigward ta' l-arraġamenti organizzattivi, il-Kummissjoni tikkunsidra li

- (l-ewwel inçiz) il-panels għandhom jitlaqqgħu fl-aktar mument kmieni possibbli biex isostnu valutazzjoni speçifika. Madanakollu, Panels iddedikati, li jitlaqqgħu għall-skopijiet speçifiçi, aktarx li jipprovdu aktar benefiçji f'termini ta' kjarezza u ffokar.

- (it-tieni inçiz) il-koordinazzjoni bejn id-Direttorati Ġenerali li jimplementaw l-FPs teħtieġ li tkun rinfurzata. Flimkien ma' l-istrateġija ġdida ta' valutazzjoni tal-FP7, din tista' tintlaħaq billi jintużaw strutturi speçifiçi ta' koordinazzjoni biex ikunu komplimentari man-"network intern tal-valutazzjoni RTD", tal-Kummissjoni, aktar milli jkun stabbilit uffiçju konġunt ta' valutazzjoni.
